MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 11/2021 LM

**John Bundy (K.I. 196860M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Public Broadcasting Services Limited (C 13140)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Public Broadcasting Services Limited (C 13140)** (il-PBS) [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-2 ta' Frar, 2021, dwar it-tkeċċija tar-rikorrent **John Bundy** [hawnhekk 'l-

appellat'] mill-impjieg tiegħu bħala CEO tas-soċjetà intimata, qabel ma skada l-kuntratt definit li huwa kellu mal-istess kumpannija.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn spjega li huwa kien ġie impjegat mas-soċjetà intimata fl-1 ta' Awwissu, 2016 bħala CEO b'kuntratt fiss ta' ħames snin. Ir-rikorrent spjega li wara li kien ilu madwar sena f'dan l-impjieg, kienet saret laqgħa l-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà intimata li ad insaputa tiegħu kien iddiskuta u approva b'mod unanimu vot ta' sfiduċja fih, u waqt dik il-laqgħa ġew diskussi ħames akkużi fil-konfront tiegħu. Qal ukoll li huwa qatt ma ġie mgħajjat mill-Bord tad-Diretturi biex jirribatti dawn l-akkużi, iżda mbagħad sar jaf li l-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà intimata kien ħatar bord ta' inkjesta immexxi minn rappreżentanti ta' RSM Malta sabiex jinvestiga akkużi dwar ksur ta' proċeduri dwar il-*procurement* li japplikaw għas-soċjetà intimata, li r-rikorrent naqas milli japplika, rigward kiri ta' vetturi mingħand is-soċjetà Burmarrad Commercials Limited. Ir-rikorrent spjega li huwa ġie mgħajjat mill-Bord tal-Inkjesta sabiex jirrispondi għal sensiela ta' domandi dwar dan l-allegat ksur ta' regolamenti, u huwa ta l-ispjegazzjoni tiegħu dwar dan. Ir-rikorrent qal li wara dan l-episodju huwa baqa' għaddej bix-xogħol tiegħu normali, iżda fit-8 ta' Novembru, 2017 sar jaf mill-mezzi tax-xandir li huwa kien tkeċċa mix-xogħol. Spjega li kien biss fil-11 ta' Novembru, 2017 li huwa rċieva ittra d-dar li kienet tinfurmah li kien tkeċċa mill-impjieg, minħabba diversi raġunijiet li kienu jinkludu, iżda li ma kinux

limitati, għall-ksur ta' regolamenti tal-*procurement* min-naħa tiegħu. Qal li tul l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, il-Bord tad-Diretturi qatt ma kellmu jew tah l-opportunità jirrispondi għall-akkużi miġjuba kontrih, u lanqas infurmawh bil-fomm li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'effett immedjat. Qal ukoll li ma saret l-ebda investigazzjoni u ma nbeda l-ebda proċess dixxiplinarju fil-konfront tal-*procurement manager* u l-*financial controller* tas-soċjetà intimata, li kienu parteċipi u involuti fil-proċess kollu tal-*leasing* ta' vetturi.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet għal raġuni li mhix tajba u suffiċjenti skont il-liġi, u li jiġi dikjarat ukoll li huwa għandu jingħata kumpens skont l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg saret għal raġunijiet tajba u suffiċjenti fil-liġi, u għalhekk l-ebda kumpens mhuwa dovut lilu. Is-soċjetà intimata qalet li hija fi ħsiebha ġġib provi li jissostanzjaw ir-raġunijiet għat-tkeċċija deċiża minnha, u wara t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg irriżultawlha fatti ġodda li wkoll ser jitressqu l-provi dwarhom.

5. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, flimkien mal-*affidavit* tiegħu fejn spjega li huwa ġie impjegat mas-

soċjetà intimata fl-1 ta' Awwissu, 2016 bħala CEO fuq kuntratt fiss ta' ħames snin. Qal li fl-ewwel sena tal-impjieg tiegħu qatt ma kien hemm problemi, u l-Bord tad-Diretturi dejjem apprezza x-xogħol li kien jagħmel, iżda l-problemi bdew meta f'Lulju tal-2017 hu, taħt id-direzzjoni tal-Bord Editorjali, u flimkien mal-kap tal-programmi u l-editur tal-istazzjon, fasslu l-iskeda tal-programmi għall-perijodu bejn Ottubru 2017 u Ġunju 2018. Ix-xhud qal li fis-16 t'Awwissu, 2017, issejħet laqgħa tal-Bord tad-Diretturi, fejn ġew diskussi tibdiliet fl-iskeda, u finalment huwa ngħata struzzjonijiet biex jagħmel t-tibdiliet li ġew deċiżi mill-Bord. Qal li waqt din il-laqgħa ġiet diskussa biss l-iskeda tal-programmi u qatt ma ssemma' l-kuntratt ta' *leasing* ta' vetturi mingħand Burmarrad Commercials Limited li l-Bord tad-Diretturi kien jaf bih, u li ġie ffirmat f'Ġunju 2017. Qal ukoll li din il-laqgħa ssejħet wara li kienu ilhom xahrejn u nofs ma jsiru *board meetings* wara li l-Bord kien tefa' r-riżenja tiegħu f'Mejju tal-2017 għaliex kienet ġejja elezzjoni, u għalhekk kellu jistenna risposta jekk kienx ser jerġa' jiġi maħtur mill-ġdid jew le. Qal li wara l-laqgħa tas-16 t'Awwissu, 2016 il-Bord qatt ma reġa' kellmu, qatt ma sejjaħlu u qatt ma talbu jattendi xi laqgħa oħra. Iżda l-Bord tad-Diretturi mmexxi minn Dr Tonio Portughese kien iltaqa' f'binja fil-Belt Valletta u ddiskuta vot ta' sfiduċja fih. Ir-rikorrent qal li huwa sar jaf b'dan kollu mill-mezzi tax-xandir, u b'kollox kienu ġew diskussi ħames akkużi separati fil-konfront tiegħu. Kompla jgħid li wara li kien hemm din id-diskussjoni, u l-akkużi ħarġu fil-beraħ, il-Bord ħatar bord ta' inkjesta sabiex jara jekk huwa kellux xi forma ta' ħtija rigward il-*procurement procedures* tal-karozzi. Qal li l-ewwel akkuża li beda jiffaċċja kienet li huwa kien qiegħed jikri *studio* f'Ħal Tarxien sabiex jittellgħu xi programmi minnu għaliex

huwa kellu xi interess finanzjarju fih. Qal iżda li din ma kienet xejn għajr gidba għaliex dawn l-*istudios* kien ilu jsir użu minnhom diversi snin, u huwa ma kellu l-ebda interess finanzjarju fihom. Qal ukoll li t-tieni akkuża kienet li huwa kien ta xi promozzjonijiet mingħajr ma kkonsulta mal-Bord. Akkuża oħra kienet li huwa kien ta vettura lil Dr Natalino Fenech, ex-editur u kap tal-aħbarijiet tal-PBS għall-użu tiegħu meta dan ma kienx għadu jaħdem mal-kumpannija għaliex kien ġie *seconded* mal-Università. Qal li din l-akkuża ma kinitx veritiera lanqas u kien il-Bord li kien laħaq arranġament ma' Dr Fenech sabiex dan ikollu użu ta' vettura, għalkemm huwa kien intervjena sabiex jassigura li l-vettura li tinkera lil Dr Fenech tkun tiswa lill-PBS inqas flus fix-xahar. Kompla jgħid li r-raba' akkuża kienet dwar il-*procurement* tal-vetturi. Ir-rikorrent qal li hekk kif daħal fil-kariga, huwa beda jiltaqa' mal-ħaddiema fid-diversi taqsimiet tal-kumpannija, u ilment li ta' spiss kien isir miegħu kien li l-flotta tal-vetturi kienet qdiemet u kien qed ikun hemm ħafna vetturi weqfin bil-ħsara, u biex jissewwew kienu meħtieġa spejjeż konsiderevoli. Qal li din is-sitwazzjoni bdiet twassal għal diżgwid bejn il-ħaddiema, li ġieli spiċċaw f'sitwazzjoni fejn kellhom jagħmlu użu mill-vetturi personali tagħhom biex setgħu jagħtu s-servizz mitlub minnhom. Qal li għalih kien evidenti li għall-volum ta' xogħol li l-kumpannija kellha tagħmel ta' kuljum, ma kienx hemm biżżejjed vetturi, u l-PBS ma setgħetx taqdi l-funzjonijiet kollha tagħha tal-aħbarijiet, tal-produzzjoni u tal-operat tekniku bl-ammont limitat ta' vetturi li kellha. Qal li huwa kien jaf ukoll li l-kumpannija ma kinitx f'qagħda finanzjarja li tixtri vetturi ġodda, u għalhekk huwa sejjaħ laqgħa bejn il-*financial controller,* il-*procurement manager* u s-*sales and marketing manager* sabiex jaħdmu

flimkien biex din il-problema tissolva. Qal li dak iż-żmien il-*procurement manager* Edmund Tabone kien qal li din il-problema kienet ilha tinħass, u għalhekk ġie deċiż li kellu jiskatta proċess sabiex jinġabru kwotazzjonijiet mis-suq għall-kiri ta' għadd ta' vetturi. Ir-rikorrent spjega li dan il-proċess ma kienx wieħed faċli, u b'kollox inġabru madwar għaxar *quotations* minn kumpanniji differenti sabiex il-PBS ikollha idea ċara ta' x'hawn fis-suq. Kien hemm qbil ukoll li l-kumpannija li tingħata l-kuntratt tal-*leasing* tal-vetturi, kellha tintrabat li tixtri l-vetturi l-qodma kollha tal-PBS u tikkommetti ruħha għal €3,000 reklamar fis-sena mal-PBS. Qal li wara li tqiesu l-fatturi kollha, ġie deċiż li l-aktar offerta vantaġġjuża kienet dik ta' Burmarrad Commercials Limited, u għalhekk kien ġie deċiż li s-*sales and marketing manager* kellu jifissa appuntament ħalli tkun tista' ssir diskussjoni fid-dettall ma' din il-kumpannija. Ir-rikorrent qal li l-ewwel laqgħa ma' Burmarrad Commercials Limited saret ġewwa l-bini tal-PBS, u għal din il-laqgħa kien hemm preżenti rappreżentanti ta' Burmarrad Commercials Limited kif ukoll tal-PBS, u wara xi ġimgħat saret ukoll it-tieni laqgħa. Ir-rikorrent spjega li kien waqt din il-laqgħa li ntlaħaq ftehim dwar il-kundizzjonijiet kollha li kellha tosserva Burmarrad Commercials, u ġew innegozjati l-aktar prezzijiet vantaġġużi għall-PBS. Qal li f'ħin minnhom rappreżentant tal-Burmarrad Commercials Limited beda jallega li r-rikorrent kien qiegħed ikun egoist fil-pretensjonijiet tiegħu, għaliex ried jinnegozja l-aktar rati vantaġġużi għall-PBS. Qal li dan il-proċess ħa ftit xhur mhux ħażin, kien beda għall-ħabta ta' Novembru 2016 u intemm f'Ġunju 2017, u huwa kien informa lill-Bord tad-Diretturi bl-intenzjonijiet tal-kumpannija, u ntalab ukoll il-permess minn Edmund Tabone sabiex il-vetturi l-qodma jkunu jistgħu

jinbiegħu lil Burmarrad Commercials. Qal li f'Ġunju 2017 huwa informa lill-ħaddiema kollha, inkluż dawk f'livell maniġerjali u l-membri tal-Bord, li kienu ser jinkisbu vetturi ġodda, u bagħat ukoll ritratti u filmati tal-vetturi l-ġodda quddiem il-bieb prinċipali tal-Creativity Hub tal-PBS. Qal li f'dak iż-żmien kollu lilu ħadd ma semmielu *tendering process,* u ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni li kienet qiegħda ssir xi ħaġa li mhux suppost issir. Ir-rikorrent qal li l-proċess li sar kien wieħed trasparenti u serju, u l-ftehim li ntlaħaq kien wieħed vantaġġuż għall-kumpannija. Qal ukoll li tul dan iż-żmien kollu huwa kien kontinwament assistit minn *procurement manager* u minn *financial controller,* u huwa afda fil-kapaċitajiet u fl-esperjenza tagħhom, u emmen li jekk kien hemm xi ħaġa ħażina f'dan il-proċess kollu, dawn kellhom jgħidulu biha. Qal li kemm Edmund Tabone *procurement manager,* kif ukoll Brian Galea *financial controller,* kienu ffirmaw miegħu l-ftehim li sar ma' Burmarrad Commercials bl-aħħar prezzijiet negozjati. Ir-rikorrent qal li kemm Tabone kif ukoll Galea ħadu ġurament li huma kienu wissewh diversi drabi li l-kumpannija kellha toħroġ sejħa għall-offerti qabel tikri dawn il-vetturi, u li huma kienu twarrbu f'dan il-proċess. Qal li dan mhux minnu għaliex Tabone kien involut fil-korrispondenza li kien hemm bejn Burmarrad Commercials Limited u l-PBS, u anki fil-laqgħat li kien hemm bejn l-entitajiet involuti, u dan kien dejjem ikkupjat bil-korrispondenza u mexxa l-proċess kważi kollu hu. Ir-rikorrent qal li l-ħames akkuża li abbażi tagħha huwa ġie sfiduċjat, kienet dwar il-ftehim ta' *bartering* ta' reklamar ma' aġenzija tal-ivvjaġġar għal vjaġġ ta' erbat ijiem fuq *cruise liner* għas-sittax-il finalista tal-Malta Eurovision Song Contest. Qal li din il-proposta kienet saret mit-*team* tal-produzzjoni tal-festival tal-PBS, u l-idea kienet li

dawn jiġu ffilmjati u l-filmati jintużaw waqt il-festival. Qal li *bartering* bħal dan jagħmel ħafna sens għal kumpanniji bħall-PBS, imma minflok kien hemm min kellu l-intenzjoni jdawwar dak li sar f'xi ħaġa malinna jew qarrieqa min-naħa tiegħu.

6. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma ġie mitlub jiċċara l-pożizzjoni tiegħu dwar dawn l-akkużi, ħadd ma infurmah dwarhom, u huwa sar jaf b'ċerti dettalji minn dak li ġie rappurtat fil-mezzi tal-istampa. Qal li wara l-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tas-16 t'Awwissu, 2017 li huwa kien preżenti għaliha, huwa qatt ma ntalab jew ġie mistoqsi xejn, u qatt ma ngħata ċans iwieġeb għall-akkużi li kienu qegħdin isiru dwaru. Qal li l-unika darba li huwa ntalab iwieġeb għal xi mistoqsijiet, kien meta bagħtu għalih l-awdituri tal-kumpannija RSM Malta, li ntalbu jagħmlu *audit* dwar il-karozzi, u la qabel u lanqas wara dakinhar ma kellmu ħadd dwar dak kollu li ġie allegat fil-konfront tiegħu. Kompla jgħid li huwa sar jaf mill-mezzi tax-xandir li l-Bord tad-Diretturi ltaqa' sabiex jiddeċiedi dwar it-tkeċċija tiegħu, u sar jaf li huwa tkeċċa mill-impjieg mill-mezzi tax-xandir ukoll. Ir-rikorrent qal li s-segretarju tal-Bord ipprova jċempillu u jibgħatlu messaġġ telefoniku sabiex jgħidlu bid-deċiżjoni tal-Bord, iżda sakemm huwa induna bit-telefonata u bil-messaġġ u mar jikkonsulta l-*email* tiegħu, sab li l-*email account* tiegħu tal-kumpannija kien diġà ingħalaq. Ir-rikorrent qal li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta, sar kollox minn wara dahru, ġie akkużat u nstab ħati mingħajr ma ngħata ċans jispjega ruħu, u ċ-ċifri li jissemmew biex tingħata l-impressjoni li sar xi skandlu kbir fil-PBS jistgħu jiġu spjegati. Qal li b'kollox l-erbatax-il vettura swew €500,000 fuq medda ta' tmien

snin, li tfisser nefqa ta' €35,714 fis-sena, jew €4,464 għal kull vettura fis-sena. Qal li dan ifisser li kull vettura kienet qiegħda tiswa €12.23 għal kull ġurnata, u ma' dawn wieħed irid iqis l-ispejjeż tal-liċenzji, tal-*insurances,* il-ħsarat, il-manutenzjoni, il-VRT u l-*carwash,* li kollha ser jibdew jiġu ffrankati.

7. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja tal-ittra tat-8 ta' Novembru, 2017, li permezz tagħha huwa ġie infurmat bit-tkeċċija tiegħu minn mal-PBS. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja ta' rapport bil-*key performance indicators* għall-perijodu bejn Awwissu 2016 u Frar 2017, minn fejn jirriżulta li huwa laħaq 100% tal-miri stabbiliti.

8. Ir-rikorrent xehed quddiem it-Tribunal dwar inċidenti oħra li seħħew waqt li huwa kien CEO tas-soċjetà intimata, fosthom inċident partikolari meta waslet quddiemu fattura li tindika li f'għaxart ijiem intefqu €1,477.20 f'ikliet, u kompla jgħid li l-*financial controller* tal-kumpannija kien infurmah ukoll li fuq medda ta' sentejn kienu ntefqu mal-€10,000 f'ikliet ta' nofsinhar. Qal li huwa beda juri t-tħassib tiegħu dwar dan kollu, u huwa saħansitra waqqaf laqgħa li kellha ssir f'lukanda lussuża f'Għawdex, li għaliha l-membri tal-Bord tad-Diretturi kellhom ikunu akkumpanjati mill-*partners* tagħhom. Qal li kwistjoni oħra nqalgħet dwar il-finanzjament tal-parteċipazzjoni ta' xi pajjiżi fil-Junior Eurovision, għaliex kien hemm *commitment* li l-PBS iħallas l-ispejjeż ta' wħud mill-parteċipanti, xi ħaġa li kienet ser tiswa ħafna flus li l-kumpannija ma kinitx tiflaħ għalihom.

9. Is-soċjetà intimata ppreżentat kopja tar-rapport tal-inkjesta li tmexxiet minn RSM Malta dwar il-*leasing* tal-flotta ta' vetturi għall-Public Broadcasting Services Limited, liema inkjesta kkonkludiet kif ġej:

> *"The CEO's decision to request quotations was in violation of the PBS procurement procedures, which in turn are based on the Public Procurement Procedures – Subsidiary Legislation 174.04. In this case where the cost was going to exceed both the Euro 120,000 and Euro 250,000 thresholds it was necessary to issue a tender that was to be administered by the Director of Contracts, in view of the amounts involved.*
>
> *The CEO did not inform the BoD of the process being followed, the discussions and decisions being made and the agreement entered into with the selected leasing supplier. Accordingly there is no BoD decision approving the lease of the vehicles.*
>
> *(2) It should be noted that during his interview the CEO admitted that the procurement procedures of the company had not been adhered to and attributed this fact to his ignorance of the existence of such procedures and to the procurement manager of PBS not making him aware of the same.*
>
> *The minutes of January 2017 indicate that the CEO had been requested by the Board to review and update the procurement procedures – consequently it would seem that the CEO was aware of the existence of these procedures.*
>
> *All three members of staff formed part of the internal team to manage the leasing quotation process and selection, namely MM, ET and BG stated that ET had brought the tender requirement to the attention of the CEO. It is the CEO who unilaterally decided to ignore this advice and go for a quotation process when it had been pointed out to him that the tender process should be followed."*

10. **Brian Galea**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kien impjegat bħala *financial controller* tas-soċjetà intimata u huwa kien ta parir lir-rikorrent sabiex jirrikorri għall-proċedura tat-*tender* għal-*leasing* ta' vetturi mill-PBS. Qal li r-rikorrent kien jgħidlu li kellu permess mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex din il-

proċedura għal-*leasing* ta’ vetturi mill-PBS ssir permezz ta’ *quotations,* u din l-awtorizzazzjoni kienet ingħatat minn ċerta Charmaine Portelli. Dan ġie kkonfermat ukoll minn **Edmund Tabone** fl-*affidavit* tiegħu.

11. Ix-xhud **Maria Micallef,** rappreżentanta tas-soċjetà RSM Malta, waqt ix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, spjegat li huma ngħataw l-inkarigu biex janalizzaw il-kuntratt tal-*leasing* ta’ erbatax-il vettura u jistabbilixxu jekk dan sarx skont il-proċeduri interni tal-PBS u skont il-proċeduri tal-*public procurement.* Qalet li ġie stabbilit li l-proċess segwit ma kienx *in line* mal-proċessi interni tal-kumpannija, u minħabba l-valur tal-kuntratt, it-*tender* kellha tinħareġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ix-xhud qalet li r-regoli tal-*public procurement* jispeċifikaw li meta jkun ser isir akkwist bħal dan, irid isir studju ħalli jiġi determinat l-aħjar mod kif għandu jsir dan l-akkwist, jekk hux permezz ta’ *leasing* jew inkella b’titolu ta’ xiri jew b’xi mod ieħor. Qalet li dan l-eżerċizzju ma sarx, u lanqas ma ħarġet *tender* u lanqas ma kien hemm l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi għal dak li sar. Qalet li ġie stabbilit li l-PBS kien talab numru ta’ *quotations* mingħajr ma stabbilixxa parametri uniformi biex jintbagħtu lil kull kumpannija li ntalbet *quotation* mingħandha, u għalhekk l-informazzjoni li twasslet ma waslitx bl-istess mod għand kulħadd. Ix-xhud qalet li meta hija tkellmet mar-rikorrent dwar dawn in-nuqqasijiet, dan infurmaha li huwa ma kienx jaf x’jgħidu l-*Public Procurement Regulations,* u anki min kien jieħu ħsieb il-*public procurement* naqas li jinfurmah il-proċess tat-*tender* x’kien jinvolvi. Ix-xhud qalet li waqt l-*audit* li sar, huma ġew fil-pussess ta’ *email* li r-rikorrent kien bagħat lil Burmarrad Commercials Limited

lejn nofs Frar, fejn dan kien ikkonferma l-ordni tal-vetturi, u qalet li għalhekk ir-rikorrent daħħal lill-kumpannija f'*commitment* mingħajr l-għarfien tal-Bord u mingħajr ma ġew segwiti ċerti proċeduri.

12. Ix-xhud **Dr Claire Bonello**, membru tal-Bord tad-Diretturi, qalet li r-rikorrent kien spjega lill-Bord li huwa kien ingħata parir li l-kiri tal-vetturi jkun jiswa anqas flus mix-xiri tagħhom, imma f'dak l-istadju ma wera l-ebda rapport jew ċifri jew stimi sabiex jissostanzja dan. Qalet li l-kwistjoni ma tqajmitx aktar sakemm f'Ġunju 2017, il-Bord skopra li r-rikorrent kien bagħat *email* lill-impjegati tal-PBS fejn infurmahom li l-vetturi li kienu ser jinkrew kienu waslu. Qalet li dak iż-żmien hija kienet talbet lill-membri l-oħra tal-Bord jindagaw ftit u jaraw x'kien ġara. Ix-xhud għamlet riferiment għal *board meeting* li sar fit-30 ta' Awwissu, 2017, fejn wieħed mid-diretturi tal-kumpannija kien irrefera għall-kiri ta' dawn il-vetturi abbażi ta' tliet kwotazzjonijiet biss u staqsa għal liema raġuni ħadd mill-Bord ma kien infurmat b'dan il-fatt.

13. Għad-domandi li sarulha in kontroeżami, Dr Bonello qalet li f'April tas-sena 2017, il-Bord tad-Diretturi kien approva riżoluzzjoni dwar il-bejgħ u l-*iscrapping* ta' ammont ta' vetturi, u bejn Mejju u Awwissu 2017 ma kienx hemm laqgħat tal-Bord għaliex kienet issejħet l-elezzjoni ġenerali. Qalet li hija kienet preżenti meta l-Bord ħa d-deċiżjoni li jittermina l-impjieg tar-rikorrent, u d-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ittieħdet prinċipalment minħabba l-kwistjoni tal-*procurement.* Ix-xhud qalet li ma

ttieħdu l-ebda passi dixxiplinarji fil-konfront ta' persuni oħra, lanqas kontra Edmund Tabone li dak iż-żmien kien *procurement manager.*

14. **Edmund Tabone** fix-xhieda tiegħu qal li huwa impjegat bħala *manager corporate services* mas-soċjetà intimata, u dak iż-żmien ir-rikorrent kien qalilhom li ried ibiddel il-flotta tal-vetturi tal-kumpannija. Tabone qal li huwa mill-ewwel issuġġerixxa li l-kumpannija tmur għal *tender* għaliex il-valur kien wieħed sostanzjali, u kien hemm membri oħra fil-Bord tad-Diretturi li qablu miegħu dwar dan, iżda r-rikorrent dar fuq ċertu Mario Micallef u qallu biex jiġbor il-*quotations.* Qal li dak iż-żmien xi ħadd mill-membri tal-Bord kien talab lir-rikorrent iġib awtorizzazzjoni mill-Ministeru, biex jagħmel kif kien qiegħed jissuġġerixxi, u din l-awtorizzazzjoni kienet ingħatat. Qal li darba minnhom issejħet laqgħa fejn ir-rikorrent ippreżenta fatt kompjut u qal li l-*leasing* kien ser isir ma' Burmarrad Commercials Limited. Ix-xhud qal li huwa kien ġie *sidelined* għal kollox f'ħafna min-negozjar li sar, u qal li sa fejn jaf hu r-rikorrent kien innegozja waħdu ma' Burmarrad Commercials minkejja li dak iż-żmien Tabone kien *procurement manager.*

15. **Brian Galea**, *financal controller* tas-soċjetà intimata, xehed li fl-2016 ir-rikorrent kien sejjaħ laqgħa li għaliha kienu preżenti x-xhud, Mario Micallef, Edmund Tabone u r-rikorrent, fejn ir-rikorrent kien infurmahom li xtaq ibiddel il-flotta tal-vetturi li jintużaw mill-kumpannija. Qal li John Bundy talab lil Mario Micallef biex jibda jiġbor il-*quotations,* filwaqt li Edmund Tabone kien irrimarka li biex issir xi ħaġa bħal dik kellu jinħareġ *tender.* Qal li r-rikorrent

iżda baqa' jsostni li ried imur għall-*quotations.* Qal li fi Frar tal-2017, ir-rikorrent reġa' bagħat għalihom u qalilhom li l-aktar offerta vantaġġuża kienet dik ta' Burmarrad Commercials, u mill-mod kif tkellem ir-rikorrent, huwa fehem li dan kellu l-barka tal-Ministeru biex jipproċedi. Ix-xhud qal li b'kollox kien hemm tliet laqgħat ma' Burmarrad Commercials, fosthom l-aħħar waħda, meta d-deċiżjoni kienet diġà ttieħdet.

16. Ir-rikorrent reġa' xehed quddiem it-Tribunal, fejn spjega li hekk kif daħal fil-kariga mas-soċjetà intimata, huwa beda jiltaqa' ma' diversi impjegati tal-kumpannija, minn fejn irriżulta li l-aktar ħaġa li kienet qiegħda ddejjaq lill-ħaddiema kienet il-fatt li l-flotta tal-vetturi tal-kumpannija kienet qdiemet u ħafna vetturi kienu qed ikollhom ħsarat. Qal li huwa kien sejjaħ laqgħa mal-*financial controller* Brian Galea mal-p*rocurement and corporate manager* Edmund Tabone u ma' Mario Micallef mis-*sales,* sabiex jaraw liema kien l-aħjar mod kif il-kumpannija setgħet takkwista vetturi komdi. Qal li l-*financial controller* tal-kumpannija kien infurmahom li l-possibilità li jinxtraw vetturi ġodda kienet waħda remota ħafna minħabba l-qagħda finanzjarja li kienet fiha l-kumpannija, u kien għalhekk li huwa kien talab permess lil ċerta Charmaine Portelli dwar jekk il-PBS setgħetx tmur għall-għażla tal-*leasing* tal-vetturi, u din weġbitu fl-affermattiv. Ir-rikorrent qal li ftit ġranet wara reġa' ltaqa' l-kumitat sabiex ikun jista' jinbeda l-proċess għal-*leasing* tal-vetturi, iżda f'dik il-laqgħa Edmund Tabone kien qal li ma kienx jaf jekk il-kumpannija kellhiex tmur għal *tender* jew le, għaliex dan il-proċess kien mistenni li jieħu ħafna żmien. Qal li dak iż-żmien huwa ġie mgħarraf li kien sar proċess simili meta s-soċjetà

intimata akkwistat l-*outside broadcasting unit* li kien sewa mat-tmien mitt elf Euro. Qal li dak iż-żmien huwa xtaq li jkun Edmund Tabone li jidħol għal din il-biċċa xogħol, iżda dan kien qallu li xtaq li jkun eżentat għaliex ħass li jkun aħjar li din issir minn xi ħadd midħla fis-*sales.* Qal ukoll li hu bagħat għal Mario Micallef fil-preżenza ta' Brian Galea, u qallu biex jieħu din il-biċċa xogħol f'idu, u Micallef kien oġġezzjona ħafna għal dan. Qal li wara li nġabret l-informazzjoni rilevanti kollha, Edmund Tabone kien infurmah li l-aktar offerta vantaġġuża kienet dik ta' Burmarrad Commercials Limited u minn hemm skatta l-proċess għal ftehim ma' din il-kumpannija. Ir-rikorrent qal li kemm Edmund Tabone u kif ukoll Brian Galea kienu jieħdu rwol attiv f'dawn il-laqgħat.

17. Ir-rikorrent reġa' xehed quddiem it-Tribunal, fejn qal li bejn is-16 t'Awwissu, 2017 u l-ġurnata tat-tkeċċija tiegħu f'Novembru 2017, ħadd ma bagħat għalih jew kellmu fuq il-*procurement* tal-vetturi. Qal ukoll li huwa sar jaf li huwa kien tkeċċa mill-impjieg mill-mezzi tax-xandir waqt li kien qiegħed isegwi l-aħbarijiet ta' filgħaxija. Ir-rikorrent qal li kien hemm ġurnalisti li kkuntattjawh sabiex jistaqsuh dwar l-involviment tiegħu fit-Timecare Studios, u huwa weġibhom li meta huwa sar CEO tal-PBS it-Timecare Studios kienu ilhom jintużaw mis-soċjetà intimata madwar ħames snin, filwaqt li huwa stess kien jagħmel użu minn dawn l-istudios meta kien itella' programmi għal stazzjonijiet oħra. B'riferiment għall-akkwist tal-*outside broadcasting unit* mis-soċjetà intimata, ir-rikorrent qal li x-xiri tiegħu ġie nnegozjat mill-Kap Eżekuttiv ta' qablu, u l-uniku involviment tiegħu kien li ġie mgħarraf bil-wasla tiegħu

mid-Dwana meta dan wasal Malta. Ir-rikorrent qal li huwa kien wera nuqqas ta' qbil mal-Bord tad-Diretturi dwar il-mod kif kellha ssir l-iskeda dik is-sena, għaliex kien hemm għadd ta' programmi li jirrendu ħafna flus lill-kumpannija li ma tħallewx fil-*prime time,* filwaqt li kien hemm min issuġġerixxa li programmi ta' diskussjoni politika jitpoġġew fil-prima serata. Qal li din id-deċiżjoni ma kinitx tagħmel sens finanzjarju għall-PBS. Kompla jgħid li wara li huwa informa lill-Bord li kien hemm diskussjonijiet biex jinbidlu l-vetturi tal-kumpannija, ġie deċiż li dan kellu jsir permezz ta' arranġament ta' *leasing.* Qal ukoll li huwa dejjem żamm lil Dr Portughuese infurmat b'dak li kien għaddej, u kien anki bagħat *email* lil kull persuna li taħdem fil-kumpannija u lill-membri tal-Bord tad-Diretturi, b'ritratti tal-vetturi bil-*branding* tal-kumpannija. Qal li dan sar f'Ġunju 2017, u minn dakinhar, sa meta ġie mkeċċi, lilu ħadd ma reġa' kellmu dwar din il-kwistjoni. Ir-rikorrent qal li qabel it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienu bagħtu għalih RSM Malta, u meta mar biex jitkellem ma' Maria Micallef, huwa kien għaddielha *file* bid-dokumenti kollha rigward il-*leasing* tal-vetturi.

18. **Mario Gauci Jr** mis-soċjetà Burmarrad Commercials Limited xehed li kull darba li rappreżentanti tal-kumpannija ġew mitluba jiltaqgħu mal-PBS, huma ltaqgħu kemm mar-rikorrent kif ukoll ma' membri oħra tal-*management* tal-kumpannija. Qal li jiftakar li persuni oħra li kienu jkunu preżenti kienu Mario Micallef u Edmund Tabone, u l-laqgħat dejjem kienu jsiru fil-bini tal-PBS. Qal li ladarba l-*quotation* ġiet ikkonfermata, u l-vetturi ġew ikkonsenjati, sar il-*leasing agreement,* u l-aktar persuna li kienu jitkellmu magħha wara li sar il-ftehim kien Edmond Friggieri, għaliex dan kien jieħu ħsieb il-flotta tal-vetturi

f'dak li għandu x'jaqsam il-*wear and tear,* il-ħasil tal-vetturi, il-manutenzjoni, l-isservisjar u affarijiet simili għal dawn. Ix-xhud qal li lilhom bħala kumpannija qatt ħadd ma qalilhom li kien hemm xi irregolarità fil-proċess jew f'dak li kien qiegħed isir. Ix-xhud qal li minkejja li f'kuntratti kbar oħra sar proċess ta' *public procurement,* f'dan il-każ huma kienu jafu li nġabru numru ta' *quotations* u għalhekk ma ra xejn stramb f'dak li kien qiegħed isir f'dan il-każ.

19. **Dr Tonio Portughuese** li fiż-żmien rilevanti kien *Chairman* tal-PBS, qal li r-rikorrent kellu kuntratt ta' impjieg b'terminu fiss għal ħames snin. Spjega li bħala mezz ta' trasport, ir-rikorrent għażel li jieħu l-*allowance* u li jagħmel użu mill-vettura tal-kumpannija. Qal li l-ewwel problema li kellu mar-rikorrent kienet dwar l-approvazzjoni tal-iskeda tar-radju u tat-televiżjoni għall-istaġun li beda f'Ottubru 2017, fejn qal li n-National Broadcasting Policy mfassla fl-2004 hija waħda tassattiva u l-istazzjon huwa obbligat li jimxi magħha, u dak iż-żmien kien hemm kumpanniji tal-produzzjoni li oġġezzjonaw għall-mod kif kien hemm il-ħsieb li tinbidel l-iskeda. Ix-xhud qal li kienet saret laqgħa f'Awwissu tal-2017 fejn il-Bord kien sema' għall-ewwel darba bl-akkwist tal-vetturi. Qal li huwa kien bagħat għal Brian Galea, *chief financial controller,* li kien qallu li huwa ma kienx qabel li dan isir b'*direct order* u li kien insista li kellu jkun hemm *public tender.* Qal li l-ispiża għal-*leasing* ta' dawn il-vetturi telgħet għal nofs miljun Euro, u għalhekk kien ġie deċiż li l-ebda ċekk ma joħroġ mill-PBS jekk ma jkunx iffirmat miċ-Chairman. Qal li fis-27 ta' Settembru, 2017 kienet saret laqgħa tal-Bord tad-Diretturi fejn ġie deċiż li r-rikorrent għandu jkun sfiduċjat. Kwistjonijiet oħra li nqalgħu mar-rikorrent kienu jinvolvu t-tiġdid tal-kuntratt

ta' impjieg ta' persuna li laħqet l-età tal-irtirar, kif ukoll dwar il-*petrol allowance* tar-rikorrent, li xehed li huwa kien juża l-karozza personali tiegħu biex imur ix-xogħol.

20. **Dr Frank Portelli** xehed li huwa kien ġie maħtur bħala direttur tal-Bord tal-PBS wara l-elezzjoni tal-2013 sal-2017, u wara l-elezzjoni li kienet saret dik is-sena, ma riedx li jerġa' jiġi maħtur. Qal li huwa kien jaf qabel Awwissu 2017 dwar il-kwistjoni tal-vetturi tal-kumpannija. Qal li huwa kien jaf lir-rikorrent bħala persuna, iżda meta dan daħal fil-kariga ta' CEO tal-PBS kien iltaqa' miegħu, u r-rikorrent qallu li kien inkwetat bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija. Dr Portelli qal ukoll li filwaqt li s-CEO ta' qabel ir-rikorrent kien jattendi għal-laqgħat kollha tal-Bord, ir-rikorrent kien jattendi biss jekk u meta jkun mistieden.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

21. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Frar, 2021, it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tar-rikorrent mill-impjieg kienet inġusta u bi ksur tal-liġi, u għalhekk iffissa kumpens fl-ammont ta' €226,488.98 li għandu jitħallas lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni, u dan wara li saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-każ***
>
> ***Dr Franco Galea** għan-nom tas-soċjetà intimata irrefera għall-fatt li s-soċjetà fl-ittra tat-tkeċċija semmiet tmien punti li jħoss li ġew ippruvati. Iżda kulħadd jaqbel, qal Dr*

*Galea, li l-punt li ffukaw fuqu kien il-famuż* procurement *tal-vetturi tal-PBS. Ir-rikorrent fir-rikors promutur, qal Dr Galea, irrefera li mhux hu biss naqas iżda persuni oħra miegħu. Qal li mkien ma ċaħad ir-rikorrent li qalulu bil-*procurement procedure. *Iżda dejjem intqal li ma waqqfuhx. Dr Galea li mhux minnu li ma ngħatax opportunità jsemma leħnu għax ir-rikorrent ta x-xhieda tiegħu lil RSM. Dr Galea qal li Edmund Tabone qallu għal darba tnejn biex joħroġ* tender *u r-rikorrent kellu kopja tal-*procurement procedure. *Dr Galea qal li fil-fatt id-Direttur tal-Kuntratti ħassar il-*concession *li ngħata Burmarrad Commercials, anke l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell jitkellmu waħedhom. Dr Galea rrefera wkoll għall-attitudni ta'* bullying *li Edmund Tabone u Brian Galea rreferew għaliha.*

*Dr Galea qal li r-rikorrent kiser klawsola 6.1 tal-kuntratt ta' impjieg meta dan daħal fl-uffiċċju taċ-Chairman mingħajr permess, kif ukoll meta għadda l-minuti tal-bord lil terza persuna. Ir-rikorrent, kompla Dr Galea, kellu joqgħod għad-deċiżjoni tal-bord tad-diretturi u dan hu r-rwol tiegħu bħala CEO.*

*Dr Matthew Brincat għan-nom tar-rikorrent, ibbaża l-argument tiegħu li quddiemu hemm każ ta' inġustizzja li ma jħallikx toqgħod kwiet. Huwa semma kif iċ-Chairman fix-xhieda tiegħu jgħid li hu ma kienx ikkonsultat dwar il-proċess meta hu stess iffirma l-KPIs tar-rikorrent li flimkien ikopru l-perijodu Awwissu 2016 sa Lujlu 2017 u li għalihom approva u ffirma hu personalment il-mija fil-mija (100%) bħala apprezzament tax-xogħol tar-rikorrent, liema marki ta lilu nnifsu r-rikorrent.*

*Dr Brincat qal li kollox kien miexi sew sal-laqgħa tal-15 ta' Awwissu fejn imbagħad inbidel kollox. F'din il-laqgħa mgħajta f'Awwissu, Dr Brincat qal li ġie diskuss suġġett wieħed biss, l-iskeda, fejn ir-rikorrent kien mistieden, iżda imbagħad ma ssejjaħ qatt aktar wara din il-laqgħa, biex jattendi. Dr Brincat qal li din il-laqgħa qajmet il-kwistjoni li skont ir-rikorrent, jekk il-programm ta' Saviour Balzan jimxi* prima serata*, jiġifieri eżatt wara l-aħbarijiet din tissarraf f'telf ta' flus għas-soċjetà. Dr Brincat qal li r-rikorrent oġġezzjona mhux għax ma jħobbx lil Saviour Balzan iżda għax il-programm 'Xtra' ma kienx jirrendi qligħ. Din il-mossa, kompla x-xhud ma setax jifhimha r-rikorrent meta l-PBS kien qed taffaċċja defiċit kbir. Minkejja li ma qabilx, xorta obda l-ordni tal-Bord.*

*Dr Galea qal li l-famuż* recording *li għamel ir-rikorrent fil-laqgħa tal-15 ta' Awwissu ma kienx ir-rikorrent li esebih iżda s-soċjetà stess kienet li esebietu bħala provi, għax huwa żammu għalih personalment.*

*Dr Galea qal li wieħed ma jridx jinsa li l-laqgħa tal-15 ta' Awwissu saret ta' malajr meta l-Bord suppost kien xolt minħabba l-elezzjoni ġenerali. Wara dan reġgħu ltaqgħu fit-30 ta' Awwissu u din id-darba tqajmet il-kwistjoni tal-karozzi. Għal din il-laqgħa għajtu lil Brian Galea bħala l-persuna inkarigata mill-finanzi, u mhux lir-rikorrent li dan min-naħa tiegħu ma rreferiex għar-rikorrent bħala l-persuna responsabbli mill-*procurement *iżda, għal Edmund Tabone. Dr Brincat qal li fil-laqgħa tas-27 ta' Settembru bdew joħorġu l-akkużi kontra r-rikorrent, liema punti wara nbidlu fl-ittra tat-tkeċċija. Fl-istess laqgħa, jiġifieri fis-27 ta' Settembru ttieħed vot ta' sfiduċja fir-rikorrent u kellu jiġi kkomunikat lill-Ministru. Dr Brincat qal, mhux lir-rikorrent, imma lill-Ministru. Dr Brincat qal li l-erbgħin sena esperjenza ma swietlu xejn liċ-Chairman għax dan ma kienx każ ta' fiduċja iżda li kien impjegat ir-rikorrent, wieħed jew iżommu jew ikeċċieh.*

*Rigward id-dħul fl-uffiċċju taċ-Chairman, Dr Brincat qal li r-rikorrent kien frustrat u ried isir jaf x'intqal fuqu. Fejn jidħol* procurement *Dr Brincat qal li Edmund Tabone meta waslu għall-fażi biex jiġbru l-*quotations, *qal li aħjar jagħmilha Mario għax għandu aktar esperjenza, meta skont paġna 65 tar-rapport tal-RSM,* procurement *jaqa' fir-*remit *ta' Edmund Tabone. Dr Brincat qal li mhemmx dubju li bħala proċedura tal-*procurement *hija invalida. Skont l-istess rapport tal-RSM, iċ-Chairman kien jaf bil-*leasing *sa mill-15 ta' Ġunju meta rċieva l-email bħal kulħadd, kompla Dr Brincat. Qal ukoll li l-Qorti ma qalitx li r-rikorrent kiser ir-regolamenti iżda l-PBS. Dr Brincat qal ukoll li mill-filmati jidher ċar li meta daħal fl-uffiċċju ma ħa l-ebda dokument għax il-minuti ma nstabux. Dr Brincat qal li mhux lest jaċċetta li fis-sena 2018 għax ikollok CEO li jipprova jwaqqaf il-Bord milli jabbuża mill-pożizzjoni tiegħu u hu bħala CEO għamel xogħlu li jtejjeb il-finanzi tal-PBS, jitkeċċa mingħajr ma jkellmuh. Dr Brincat qal li l-akkużi bdew jiġu ppruvati wara it-tkeċċija.*

*Dr Brincat għamel talba f'isem ir-rikorrent biex ir-rikorrent jingħata kumpens skont kif stipulat fil-kuntratt tax-xogħol. Min-naħa tiegħu Dr Galea qal li jekk jingħata kumpens dan għandu jkun* ai termini *36(11) għax hekk intalab mir-rikorrent fir-rikors promutur.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal seta' jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrent li saret nhar l-14 ta' Novembru 2017, illi d-deċiżjoni ta' tkeċċija meħuda mill-kumpannija tikkostitwixxi tkeċċija inġusta skont il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont ta' sbatax-il fatt li ħarġu waqt dan il-proċess ċioe:*

*Li r-rikorrent ġie tterminat b'effett mit-8 ta' Novembru 2017 fuq dixxiplina dwar numru ta' akkużi li tressqu kontra tiegħu.*

*Li r-rikorrent tkeċċa abbażi ta' rapport fuq il-*procurement *tal-RSM, liema rapport jelenka wkoll inkonsistenza fix-xhieda li taw il-persuni li xehdu kontra r-rikorrent.*

*Li r-rapport innifsu tal-RSM isemmi li x-xhieda mhux dejjem qablu, anzi waħda mill-persuni li kkompilat ir-rapport xehdet li ma taqbadx art min qed jgħid il-verità meta kienu mistoqsijin min kien ikun preżenti u kif ittieħdet id-deċiżjoni mir-rikorrent, jekk hux waħdu jew jekk kinux preżenti.*

*Li l-ittra tat-terminazzjoni fil-fatt kienet telenka ħames raġunijiet għala qed jiġi tterminat, iżda fil-fatt id-deċiżjoni ttieħdet fuq il-*procurement *biss.*

*Li l-persuni kollha li kienu attendew il-laqgħat li finalment wasslu għal-*leasing *tal-karozzi mingħand Burmarrad Commercials, persuni ta' ċerta portata fl-impjieg li jokkupaw mas-soċjetà intimata, ilkoll ammettew li qagħdu lura milli jaġixxu kontra dak li qed jikkundannaw minħabba li beżgħu għall-impjieg tagħhom.*

*Li ż-żewġ dikjarazzjonijiet li nkitbu mix-xhud li jokkupa l-kariga ta' Financial Controller mas-soċjetà intimata, saru fuq talba taċ-Chairman;*

*L-affidavit li l-kontrollur finanzjarju qal li għamel minn rajh, fil-fatt sar fl-istess ġurnata li sar affidavit ieħor mill-Manager Corporate Services;*

*Li l-Bord tad-Diretturi kien xolt u ma tlaqqax bejn Mejju u Awwissu 2017, iżda f'Ġunju kien sar jaf li waslet il-flotta l-ġdida, bħall-impjegati kollha tas-soċjetà intimata;*

*Li l-bord ma ħassx il-bżonn li jittratta din il-kwistjoni tal-*procurement *li wasslet għat-terminazzjoni tar-rikorrent fil-laqgħa tas-16 ta' Awwissu, 2017 iżda tratta l-iskeda biss;*

*Li wara li nqala' d-diżgwid f'din l-istess laqgħa tas-16 ta' Awwissu, ssejħet laqgħa oħra fit-30 ta' Awwissu fejn ġie diskuss il-*procurement *fl-assenza tas-CEO ċioe r-rikorrent;*

*Li fis-27 ta' Settembru l-Bord għadda vot ta' sfiduċja fir-rikorrent;*

*Li kien wara din il-laqgħa li ntalbet l-RSM biex tibda tinvestiga l-mod li bih sar il-*leasing *tal-karozzi u dan sar f'Novembru;*

*Li dan ir-rapport isib li r-rikorrent ma mexiex mal-proċeduri tal-*procurement *kif mistenni, iżda l-istess rapport jgħid li kien hemm inkonsistenzi fix-xhieda li taw persuni msejħa waqt l-investigazzjoni li minnha ħareġ ir-rapport tal-RSM;*

*Li l-Bord kien ġa esprima nuqqas ta' fiduċja fir-rikorrent u kellu xewqa li jitterminah u kien proprju wara din id-deċiżjoni li avviċinaw lil RSM biex jiftaħ investigazzjoni;*

*Li r-rapport tal-RSM jikkonċerna biss il-*procurement process *iżda l-ittra tat-terminazzjoni telenka tmien nuqqasijiet;*

*Li l-Bord ikkonferma li tterminah għax qagħad fuq ir-rapporti tal-RSM (Novembru 2017) iżda ġa kien ħa riżoluzzjoni li jitterminah xahrejn qabel (Settembru 2017);*

*Li r-rikorrent ma ngħatax ċans għal proċess ta' dixxiplina serju.*

*It-Tribunal ġie affaċċjat jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent saritx b'mod ġust u meta ra u evalwa l-provi u x'intqal mix-xhieda ma setax ma jinnutax anomaliji fl-avvenimenti li fil-fatt wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg. Dan it-Tribunal jibda billi jsemmi kif diversi drabi għamel, li meta jkun se jiġi tterminat impjegat, ħadd u xejn ma jserraħ ras il-partijiet kollha jekk mhux il-fatt li jkun sar proċess ta' dixxiplina serju u bl-aħjar mod possibbli. Mhux hekk sar f'dan il-każ. Meta dan it-Tribunal ra l-punt kardinali fuq xhiex ġie tterminat ir-rikorrent, sab li dejjem jipponta lejn il-metodu li ġie adottat biex jiġu* leased *il-karozzi li kellha bżonn is-soċjetà b'tibdil għall-flotta li kellha qabel li maż-żmien ma baqgħetx tajba għall-bżonnijiet tal-istess soċjetà.*

*Fis-sentenzi fl-ismijiet* ***Burmarrad Commercials Ltd vs Public Broadcasting Ltd u Direttur tal-Kuntratti****, li tikkonċerna l-istess* leasing *ta' karozzi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Lulju, 2018 meta kkonfermat il-kanċellament tal-kuntratt, tirreferi għall-entità PBS, is-soċjetà intimata, li kisret ir-regolamenti. Dan it-Tribunal mhux qed jevalwa jekk il-*procurement process *ġiex osservat u lanqas mhu se jaċċetta dan it-Tribunal l-għajta ta' li* 'ma kontx naf' *bħala skuża. Fil-liġi nimxu mal-prinċipju* ignoranzia legis neminem excusat, *li ma tkunx taf xi tgħid il-liġi la hi skuża u wisq anqas difiża. Jiġifieri hawn it-Tribunal mhux qed jiskuża lil xi parti. Lanqas mhi difiża li wieħed jgħid* 'għax nibża'' *jew* 'għax għandi familja'. *Però t-Tribunal irid jara jekk it-tkeċċija tar-rikorrent kinitx ġusta minnha nnifisha.*

*Meta dan it-Tribunal ra ċ-ċirkostanzi kif ġew preżentati, innota li fil-fatt id-deċiżjoni li jiġi tterminat ir-rikorrent kienet diġà ttieħdet minn qabel ma beda l-proċess ta' investigazzjoni li l-Bord stess ikkonferma li qagħad fuqu biex iddeċieda li jitterminah.*

*Jew se jiddeċiedi wara li tintemm l-investigazzjoni jew se tkun ġa ddeċieda. Barra minn dan, is-soċjetà nnifisha qatt ma għajtet jew kellmet lir-rikorrent fuq dan il-każ meta ddeċidiet tindaga kif sar il-kuntratt tal-wasla tal-karozzi. Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif jingħadda vot unanimu ta' sfiduċja fuq impjegat li l-proċeduri investigattivi li wasslu għad-deċiżjoni tat-terminazzjoni kienu għadhom se jinbdew. L-akkuża prinċipali kienet dejjem fuq il-*leasing *tal-karozzi li ma sarx b'*tender *kif suppost iżda bi* quotations. *Lil dan it-Tribunal irriżultalu li kienu diversi l-persuni li kienu involuti f'din l-irregolarità u jinnota li persuni f'kariga għolja, kellhom iċ-ċans kollu li jwaqqfu l-proċess. Iħoss għalhekk dan it-Tribunal li r-rikorrent tgħabba bin-nuqqasijiet ta' diversi persuni.*

*Dan it-Tribunal ma jistax jgħodd b'ġust terminazzjoni ta' impjieg ta' persuna waħda, f'dal-każ tar-rikorrent, fuq irregolarità amministrattiva li kienet qed tiġi implementata minn diversi persuni fid-diversi karigi għolja fis-soċjetà intimata u akkumpanjata minn nuqqas ta' azzjoni meħtieġa minn diriġenti fi ħdan is-soċjetà. Dan it-Tribunal mill-provi rriżultalu li d-deċiżjoni kienet fil-fatt magħrufa minn xhur qabel miċ-Chairman u membri tal-Bord. Dan it-Tribunal jinnota wkoll li l-bord ma kienx qed jitlaqqa' minħabba li kien xolt minħabba l-elezzjoni ġenerali iżda proprju l-għada tal-festa ta' Santa Marija, fejn Malta kollha tkun kważi wieqfa f'dik il-ġimgħa, il-Bord tlaqqa' xorta. Tlaqqa' mhux biex jittratta l-kuntratt ta' nofs miljun euro f'*leasing, *iżda l-iskeda ta' programmi. Il-fatt li kollox baqa' sejjer qisu ma ġara xejn u kien proprju wara l-laqgħa fejn inqala' d-diżgwid, li daret l-attenzjoni fuq il-metodu ta' kif sar il-*leasing *tal-karozzi, ma jikkonvinċix lil dan it-Tribunal li t-terminazzjoni seħħet minħabba l-*leasing *tal-karozzi għax kieku kienet tal-anqas tissemma fil-laqgħa tas-16 ta' Awwissu.*

*L-akbar anomalija skont dan it-Tribunal hija kif impjegat b'kuntratt ta' xogħol ma jiġix mgħoddi minn proċess ta' dixxiplina. Minflok il-proċess li wassal għat-terminazzjoni ġie varat minn vot ta' sfiduċja u wara bdiet tfittxija għall-provi, bit-tmiem ikun ir-rikorrent isir jaf li ġie tterminat mill-mezzi tax-xandir.*

*Meħuda ċ-ċirkostanzi fit-total kollha tagħhom, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni kienet waħda inġusta u bi ksur tal-liġi.*

*F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lir-rikorrent ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għax fit-trattazzjoni ntalab li jiġi kkunsidrat kumpens skont il-kuntratt tax-xogħol minkejja li t-talba fir-rikors promutur kienet dik ai termini 36(11). It-Tribunal iħoss li dan mhuwiex kontra l-*

*ispirtu tal-Kap. 452 tant li meta l-kuntratt tax-xogħol fil-kundizzjonijiet jissupera l-liġi, għandu jkun il-kuntratt li jorbot. Fil-każ odjern il-kuntratt tax-xogħol kien fil-fatt esebit fil-provi u ma kienx hemm oġġezzjoni għalih min-naħa tas-soċjetà. Dan it-Tribunal iħoss li m'għandux iċaħħad lir-rikorrent mill-benefiċċji li ngħatawlu fil-kuntratt tax-xogħol maqbul bejn il-partijiet fuq kwistjoni ta' elenku ta' ordni kif intalab il-kumpens minħabba possibilment ta' prassi limitattiva proċedurali.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jiffissa kumpens fis-somma ta' mitejn u sitta u għoxrin elf, erba' mija u tmienja u tmenin euro u tmienja u disgħin ċenteżmu ta' euro (€226,488.98) li għandhom jitħallsu fi żmien xahar mil-lum."*

## L-Appell

22. Is-soċjetà intimata ħasset ruħha aggravata mid-deċiżjoni appellata, u ressqet l-appell tagħha minnha fit-12 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

"7.1.1 Tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-2 ta' Frar, 2021, fis-sens illi tilqa' l-ewwel aggravju u ssib li l-appellat ġie mkeċċi għal raġuni ġusta u valida, skont il-liġi u għaldaqstant, ma għandu jieħu ebda kumpens;

7.1.2 Mingħajr preġudizzju, u kemm-il darba l-ewwel aggravju jiġi miċħud, tvarja s-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-2 ta' Frar, 2021, fis-sens illi tgħaddi biex tnaqqas l-ammont likwidat mit-Tribunal Industrijali u tillikwida kumpens skont l-art. 36(11) tal-Kap. 452.

7.1.3 Bl-ispejjeż kontra l-appellat."

23. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata għal żewġ raġunijiet ewlenin, prinċipalment għaliex fil-fehma tagħha d-deċiżjoni tat-Tribunal li r-raġunijiet tat-tkeċċija mogħtija ma kinux tajbin u suffiċjenti skont

il-liġi, hija bbażata fuq apprezzament intrinsikament żbaljat tal-punti ta' dritt applikabbli għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jagħti l-piż dovut lill-provi rilevanti li tressqu quddiemu, u dan minkejja li qalet li hija ben konxja tal-fatt li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal mhumiex appellabbli ħlief fuq punt ta' liġi. L-appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wkoll għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal ma kienx korrett fil-komputazzjoni tal-kumpens dovut, għaliex mar oltre l-limiti tat-talbiet li kellu quddiemu.

24. Is-soċjetà appellanta spjegat li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma ssegwix u ma timxix mad-dettami tal-liġi u tal-ġurisprudenza stabbilita dwar dak li jikkostitwixxi 'tkeċċija inġusta' *ai termini* tal-Kap. 452. Qalet li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu prinċipalment fuq l-allegat nuqqas ta' osservanza ta' proċeduri ta' dixxiplina qabel it-tkeċċija, u qalet li l-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-impjegat ikun infurmat qabel ma tittieħed deċiżjoni li tista' taffettwa l-impjieg tiegħu. Kompliet tgħid li f'dan il-każ huwa dan li ġara, anzi l-prinċipal mar oltre u ingaġġa s-servizzi ta' terzi speċjalizzati biex jinvestigaw is-suspetti li kien hemm. Kompliet tgħid li minkejja li dawn il-proċeduri huma rakkomandati fis-sens ta' prattika għaqlija, mhumiex mandatorji f'kull każ u la jirriżultaw minn xi ftehim kollettiv u lanqas mill-kuntratt. Qalet li dak biss li huwa meħtieġ fejn prinċipal irid jittermina l-impjieg ta' impjegat, huwa li jkun hemm raġuni tajba u suffiċjenti għal dan, u biex jasal għal tali raġuni l-prinċipal irid jisma' lill-impjegat, ħaġa li saret permezz ta' RSM Malta. Iżda n-nuqqas ta' tali proċedura interna m'għandhiex neċessarjament twassal għall-konklużjoni li t-tkeċċija hija

inġusta. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn intqal li sabiex jiġi determinat jekk tkeċċija kinitx inġusta jew le, irid jiġi determinat jekk id-deċiżjoni tal-prinċipal kinitx raġonevoli fiż-żmien li ħa d-deċiżjoni ta' tkeċċija, għaliex hemm każijiet fejn il-każ tant ikun ċar li tkun xi tkun l-ispjegazzjoni li jkun ser jagħti l-impjegat, bl-ebda mod mhija ser twassal għal differenza fid-deċiżjoni finali li trid tittieħed. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li jista' jkun hemm każijiet fejn fiż-żmien tat-tkeċċija ma kienx raġonevoli li l-prinċipal ikeċċi l-impjegat mingħajr ma l-impjegat jingħata l-opportunità biex jispjega, iżda mbagħad waqt is-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali, jirriżulta li fil-fatt it-tkeċċija kienet altru milli ġustifikata.

25. Is-soċjetà appellanta qalet li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda proċedura interna li hija kienet obbligata li ssegwi, u minkejja li kien hemm diversi raġunijiet abbażi ta' xiex setgħet ittieħdet id-deċiżjoni ta' tkeċċija, hija xorta waħda ddeċidiet li tinvestiga l-każ bl-akbar reqqa minħabba l-portata u l-valur tiegħu, u peress li kien jinvolvi allegat ksur tal-liġi tal-*procurement.* Qalet li kien għalhekk li hija qabbdet lis-soċjetà RSM Malta biex tiġbor il-provi, tisma' lill-partijiet u tħejji rapport dwar x'ġara eżattament meta minflok ma nħareġ *tender* sabiex jinxtraw jew jinkrew karozzi għas-soċjetà appellanta, ingħata kuntratt abbażi ta' *quotations* lil Burmarrad Commercials Limited. Qalet li f'dan il-proċess l-appellat kellu l-opportunità kollha li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, u kien wara li tlestiet din l-investigazzjoni li nħarġet l-ittra tat-terminazzjoni. L-appellanta qalet li l-appellat diversi drabi ammetta li r-rekwiżiti tal-*procurement* ma kinux ġew segwiti, u dan in-nuqqas ta'

osservanza tar-rekwiżiti tal-*procurement* wassal għal ksur tal-liġi u l-*policies* tal-PBS. Kompliet tgħid li in vista ta’ dan in-nuqqas, l-ebda proċedura ta’ dixxiplina ma setgħet tagħti riżultat differenti.

26. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għalhekk ma kienx korrett jgħid li kien hemm nuqqas ta’ osservanza tal-proċedura ta’ dixxiplina, għaliex l-appellat kellu l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti tal-każ. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kellu f’idejh fatti u provi oħra li rriżultaw, u li l-appellat ma kellu xejn xi jgħid biex jiddefendi l-azzjonijiet tiegħu. Qalet li fost l-oħrajn kien hemm id-dħul mingħajr permess fl-uffiċċju taċ-Chairman biex l-appellat jikseb kopja tal-minuti tal-Bord, il-kliem li l-appellat uża f’korrispondenza fil-konfront ta’ membri tal-Bord, u l-iżvelar ta’ dak li ġara u ntqal waqt laqgħa tal-Bord lil terzi persuni. Is-soċjetà appellanta qalet li għal uħud minn dawn l-akkużi, l-appellat ma kellu l-ebda risposta x’jagħti. Kompliet tgħid li kieku t-Tribunal iffoka aktar fuq ir-raġunijiet għat-terminazzjoni u fuq ir-raġonevolezza o meno tal-Bord li jasal għal deċiżjoni ta’ tkeċċija, iktar milli fuq il-proċeduri ta’ dixxiplina, it-Tribunal kien jasal għal konklużjoni differenti. Qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jiddistingwi bejn ittra ta’ terminazzjoni u vot ta’ sfiduċja, għaliex vot ta’ sfiduċja mhux ittra ta’ terminazzjoni.

27. L-appellanta qalet li t-Tribunal injora r-raġunijiet serji li ssemmew fl-ittra ta’ terminazzjoni, u minflok iffoka biss fuq il-kwistjoni tal-għoti tal-kuntratt lil Burmarrad Commercials, li tant kienet serja fil-fehma tas-soċjetà appellanta, li anki waħedha kellha twassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat. Qalet

li kien hemm raġunijiet oħra fl-ittra ta' terminazzjoni li ġew injorati mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, fosthom il-fatt li l-appellat daħal mingħajr permess fl-uffiċċju taċ-Chairman tal-Bord għall-iskopijiet tiegħu sabiex jieħu l-minuti tal-Bord, u ġiegħel impjegata oħra tkun kompliċi miegħu f'dan. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat kiser ukoll l-obbligu tal-kunfidenzjalità li huwa kellu meta rrekordja illegalment laqgħa tal-Bord, u dan ir-*recording* intbagħat lil terzi. Qalet li l-appellat instab li kiser ir-regoli tal-*procurement* meta ta kuntratt għal-*leasing* ta' vetturi lil Burmarrad Commercials, u dan meta l-appellat kien jaf bir-regoli u xorta waħda għażel li jinjorahom. Qalet ukoll li l-kuntratt ġie mħassar mid-Dipartiment tal-Kuntratti permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Frar, 2018, kif ikkonfermata mill-Public Contracts Review Board tas-17 ta' April, 2018, u eventwalment mill-Qorti tal-Appell. Is-soċjetà appellanta qalet li nuqqas ieħor kien li ma tqabbad l-ebda *surveyor* sabiex jagħti stima tal-valur tal-flotta eżistenti tal-PBS, qabel din tinbiegħ lil Burmarrad Commercials Limited. Qalet ukoll li t-Tribunal bħal injora l-fatt li l-appellat kien jiġi s-superjur tal-persuni l-oħra involuti fil-proċess tal-kiri tal-vetturi, u minkejja dan huma xorta waħda ġibdulu l-attenzjoni għal din l-irregolarità. L-appellanta qalet li fil-fatt kien hemm numru ta' xhieda li lkoll ikkonfermaw li kienu avżaw lill-appellat bil-ħtieġa li jinħareġ *tender,* iżda dawn ġew injorati.

28. Irregolarità oħra fl-aġir tal-appellat kien il-fatt li huwa naqas milli jżomm il-Bord infurmat b'deċiżjonijiet importanti relatati mal-iskeda, u laħaq ftehim ma' *producers* mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Bord. Qalet ukoll li kien hemm

istanzi fejn l-appellat uża termini dispreġattivi u difamatorji fil-konfront tal-Bord permezz ta' *emails,* u kien hemm istanzi fejn dan ġab ruħu b'mod li ma jixraqx il-kariga tiegħu u kien iġib ruħu ta' *bully* fil-konfront tal-impjegati l-oħra. Kien hemm impjegata li xehdet kif l-appellat kien qalilha li kienet ser titlef xogħolha, u istanzi oħra li juru li l-appellat ma mexiex b'mod dekoruż u professjonali kif kien mistenni minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi kellu jirriżulta li l-appellat ma aġixxiex skont id-dmirijiet tiegħu u saħansitra aġixxa b'*mala fede* lejn dawk li jaqgħu taħtu, u kien jadotta attitudni ta' prepotenza daqslikieku huwa ma kienx suġġett għall-ebda skrutinju. Is-soċjetà appellanta qalet li dawn il-fatti jwassluha għall-konklużjoni li t-Tribunal naqas milli jagħmel l-indaġni li kellu jagħmel biex jara kienx hemm verament tkeċċija inġusta u għażel li jistrieħ fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti.

29. Is-soċjetà appellanta spjegat li t-tieni aggravju tagħha huwa msejjes fuq il-fatt li l-appellat bena l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452, u dan għaliex ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet mibnija fuq kuntratt ta' impjieg għal żmien definit. Qalet li f'każ ta' terminazzjoni ta' impjieg ta' dan it-tip mill-prinċipal, l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 jispeċifika li l-prinċipal li jittermina l-impjieg ta' impjegat qabel jgħaddi ż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, għandu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tmiss lill-impjegat għall-bqija taż-żmien miftiehem. Qalet li minkejja t-talba għal-likwidazzjoni tad-danni kif saret mill-appellat fir-rikors tiegħu, kienet ibbażata fuq l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452, waqt it-trattazzjoni finali li saret fl-udjenza tat-12 ta'

Jannar, 2021 l-appellat għamel riferiment għall-kuntratt tal-impjieg tiegħu, li fil-klawsola 3.3 jgħid hekk:

> *"If Employee's Employment is terminated by the Company, <u>for any reason whatsoever</u>, prior to the expiration of the five year period as per clause 2.1, the Company shall be liable to pay the Employee, within thirty days of the Date of Termination, <u>a lump sum equivalent to the value of the unpaid Annual Gross Salaries, bonuses, allowances and any other financial incentives</u>, which would have been accrued and payable to the Employee up to 1st August 2021: this amount being in consideration of loss of office and the implied waiver on the part of the Employee that the said payment shall extinguish all claims or pretentions on his part against the Company or its directors.*
>
> *The Parties agree that this clause does not apply in case of summary dismissal for gross misconduct.*
>
> *For the purposes of this agreement, the Parties agree that summary dismissal for gross misconduct may be applied by the Company <u>only in the following cases</u> relating to the Employee: (i) Drug or other illegal substance abuse (ii) Grievous Bodily Harm (iii) Theft (iv) The commission by the Employee of an offence of voluntary nature which is liable to mandatory imprisonment for more than six months."*

30. Is-soċjetà appellanta qalet li hija tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal Industrijali iddeċieda, minkejja li ma kellux quddiemu talba msejsa fuq il-kuntratt, iżda kellu biss talba biex jakkorda kumpens *ai termini* tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452, li jakkorda kumpens abbażi tal-klawsola 3.3 tal-kuntratt tal-impjieg tal-appellat. Kompliet tgħid li fl-ebda punt qabel saru s-sottomissjonijiet finali, ma tressqet pretensjoni għal kumpens skont il-kuntratt ta' impjieg min-naħa tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ipprova jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu billi qal li d-

deċiżjoni appellata hija konformi mal-ispirtu tal-Kap. 452 *ai termini* tal-artikolu 42. Qalet li għalhekk it-Tribunal mar kontra t-talba li tressqet quddiemu kif jirriżulta mid-deċiżjoni stess, u dan bi ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq.

31. Is-soċjetà appellanta qalet li l-aġir tat-Tribunal ċaħħadha mid-dritt għal smigħ xieraq, ċaħħadha mill-possibilità li tressaq prova dwar dan, jew li tikkontesta tali prova permezz ta' kontroeżamijiet jew mod ieħor, jew li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fuq dan il-punt, għaliex f'daqqa waħda lejn tmiem il-proċeduri, proprju fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali, l-appellat biddel kompletament 'il-*goalposts'*. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li t-Tribunal ma setax imur kontra dak li kellu quddiemu abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 42 Kap. 452 jew tal-ispirtu tal-liġi. Is-soċjetà appellanta tgħid li mhuwiex ċar għaliha għal liema raġuni t-Tribunal Industrijali straħ fuq l-artikolu 42 tal-Kap. 452 biex jakkorda l-kumpens kif kontemplat fil-kuntratt tal-impjieg. Kompliet tgħid li t-Tribunal ma setax jiffissa kumpens *ai termini* tal-artikolu 42 tal-Kap. 452 għaliex dan l-artikolu ma jittrattax dwar kwistjonijiet ta' kumpens, u l-kumpens f'dan il-każ kien regolat u mitlub mill-appellat abbażi tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452. Qalet li s-sens tal-artikolu 42 tal-Kap. 452 huwa li l-impjegat ma jistax jiġi preġudikat jekk il-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu huma inqas vantaġġużi minn dawk tal-liġi, u għalhekk l-artikolu 42 ma jagħtix lit-Tribunal l-għodda meħtieġa biex jakkorda kumpens skont il-kuntratt jekk ma ġiex mitlub li jagħmel dan fir-rikors promotur.

32. Is-soċjetà appellanta qalet li l-artikolu 42 tal-Kap. 452 ġie mifhum bil-kontra mit-Tribunal, għaliex dan l-artikolu jikkontempla sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ikunu inferjuri għal dawk li tipprovdi l-liġi, mentri s-sitwazzjoni fil-każ odjern hija waħda fejn il-kuntratt kien aktar vantaġġuż mil-liġi, u t-Tribunal, minkejja li ma kienx mitlub li jagħmel dan fir-rikors promotur, għadda biex japplika l-kuntratt, meta l-vertenza quddiemu kienet imsejsa fuq dak li tgħid il-liġi. Qalet li dan l-artikolu 42 tal-Kap. 452 ma jippermettihx. Kompliet tgħid li t-Tribunal jiċċita wkoll l-ispirtu tal-Kap. 452 biex jittenta jiġġustifika l-partenza minn punt tant kardinali, u jgħid li wara kollox il-kuntratt tal-impjieg tal-appellat kien ġie esebit u ma kienx hemm oġġezzjoni għalih. Is-soċjetà appellanta qalet fl-ewwel lok imkien ma jirriżulta li dak li ġie mitlub mill-appellat jista' jiġi mwarrab, b'konsegwenzi serji għall-appellanta li ġiet ippreġudikata minħabba l-mod kif saret *u-turn* mill-appellat. Qalet ukoll li l-fatt li l-kuntratt ġie esebit u dwaru ma kienx hemm kontestazzjoni, ma jfisser xejn. Ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-preżentata tal-kuntratt għaliex l-awtentiċità tal-kuntratt ma kinitx qiegħda tiġi kkontestata, fis-sens li kien hemm qbil bejn il-partijiet li dak kien fil-fatt il-kuntratt tax-xogħol tal-appellat.

33. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li l-appellant ppostula l-każ tiegħu abbażi tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452, b'għażla konxja tal-appellat sa mill-bidu li ressaq l-ilment tiegħu. Kien biss lejn tmiem il-proċeduri, proprju fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali, li l-appellat intebaħ li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg kienu aktar vantaġġużi għalih. Qalet li skont it-talbiet kif ippostulati mill-appellat stess, it-Tribunal kellu żewġ talbiet quddiemu x'jiddeċiedi, li

jevalwa l-provi kollha prodotti sabiex jiddeċiedi jekk hux veru li ma kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti skont il-Kap. 452 għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, u jekk fl-affermattiv, jakkorda kumpens ai termini tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452. Is-soċjetà appellanta kkonkludiet billi qalet li huwa ċar li dan l-aggravju jissodisfa l-punt ta' dritt li fuqu wieħed jista' jappella abbażi tal-Kap. 452, stante li dan huwa każ fejn il-ġudikant mar oltre l-limiti tal-vertenza li kellu quddiemu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

34. L-appellat wieġeb li r-rikors tal-appell ippreżentat mis-soċjetà appellanta jiġbor fih l-fatti tal-każ b'mod soġġettiv li ma jagħtux stampa veritiera tal-fatti kif ġraw, u jagħti l-impressjoni ħażina li l-fatti elenkati huma l-fatti kollha tal-każ li ġew ippreżentati quddiem it-Tribunal. Qal li bħala eżempju, s-soċjetà appellanta ħalliet barra għalkollox il-fatt li r-relazzjoni professjonali ta' bejn l-appellat u ċ-*Chairperson* tal-Bord kienet waħda kordjali u tajba, sakemm saret il-laqgħa tal-Bord fis-16 t'Awwissu, 2017, fejn l-appellat oġġezzjona bil-qawwa għal dak li kien qed jipprova jagħmel il-Bord bl-iskeda tal-programmi għall-istaġun li kien imiss. Qal li l-istess elenku tal-fatti li sar mis-soċjetà appellanta lanqas isemmi li fl-istess *performance reviews* li saru ferm qabel il-laqgħat ta' Awwissu 2017, kien hemm imsemmi l-punt dwar il-*procurement* tal-vetturi u għalhekk il-Bord tad-Diretturi kien ben konxju tal-fatt li l-*management* tal-PBS fl-intier tiegħu kien qiegħed jaħdem biex jinġiebu vetturi ġodda, u d-Diretturi stess qatt ma qajmu l-kwistjoni dwar il-ksur tal-*Procurement Regulations,* li

jfisser li huma kienu negliġenti daqs l-appellat. L-appellat qal li wara l-laqgħa tas-16 t'Awwissu, 2017 fejn ġie approvat vot unanimu ta' sfiduċja fil-konfront tiegħu, huwa qatt ma ġie msejjaħ għal xi laqgħa oħra tal-Bord, u spiċċa mwarrab minn kull deċiżjoni oħra tal-PBS, allavolja formalment huwa kien għadu impjegat mal-kumpannija. L-appellat sostna li t-Tribunal qal ukoll li l-kumpannija ma rnexxilhiex tipprova ħafna mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu, lanqas waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal, u kien hemm diskrepanzi fil-fatti kif miġbura minn RSM Malta dwar il-kwistjoni tal-*procurement* tal-vetturi. L-appellat qal li huwa qatt ma ġie mgħarraf li l-investigazzjoni ta' RSM Malta seta' jkollha riperkussjoni fuq l-impjieg tiegħu, jew li l-persuna inkarigata mill-*procurement* fi ħdan il-kumpannija li kellu l-kariga ta' *procurement manager,* lanqas ingħata twissija verbali għall-aġir u l-attitudni tiegħu. L-appellat qal li anki t-Tribunal Industrijali nnota kif l-appellanti bdew jippreżentaw provi li ġabru u li saru jafu bihom biss wara li kien tkeċċa l-appellant mill-impjieg, biex bħal donnhom jiġġustifikaw it-tkeċċija tiegħu.

35. L-appellat qal li t-Tribunal minn dejjem saħaq li biex jiġu osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, li għandhom japplikaw f'kull każ ta' dixxiplina li jwassal għat-tkeċċija, l-impjegat dejjem għandu jingħata l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu jew li jirribatti r-raġunijiet li għalihom jista' jitkeċċa, qabel ma l-prinċipal jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar it-tkeċċija mill-impjieg. Qal li t-Tribunal dejjem kien ċar li anke f'sitwazzjonijiet fejn it-tkeċċija sommarja hija normalment permessa, bħal f'każ fejn pereżempju impjegat jinqabad jisraq mingħand il-prinċipal tiegħu, għandu jingħata l-opportunità li jitkellem u

jirribatti l-akkużi miġjuba kontrih. L-appellat qal li n-nuqqas ta' smigħ jew ta' udjenza, fejn l-impjegat rinfaċċjat bil-possibilità ta' tkeċċija jingħata opportunità jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, ġie kkunsidrat mit-Tribunal u mill-Qrati bħala att serju ta' negliġenza mill-prinċipal, li mhux biss jagħti ħjiel lill-ġudikant li t-tkeċċija mill-impjieg hija inġusta, imma saħansitra twassal għall-konklużjoni li tali nuqqas awtomatikament għandha tirriżulta fi tkeċċija inġusta skont il-liġi.

36. L-appellat qal li barra minn hekk, mhux biżżejjed li l-impjegat jingħata l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, f'kuntest fejn dan m'għandu l-ebda ħjiel li l-impjieg tiegħu jista' qiegħed fil-periklu. L-appellat qal li meta huwa ġie interrogat minn RSM Malta dwar il-*procurement* tal-karozzi, huwa ma kellu l-ebda ħjiel ta' xi ħaġa li setgħet twassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Kompla jgħid li dak li ġara kien li l-ewwel ittieħdet deċiżjoni finali fil-livell tal-Bord tad-Diretturi, imbagħad wara li kollox kien deċiż, qabbdu lil RSM Malta sabiex tinvestiga biss il-kwistjoni tal-*procurement* tal-vetturi, u finalment keċċewh mix-xogħol, mingħajr ma qatt infurmawh li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi diskuss. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ħadet id-deċiżjoni li ma tisimgħux, ħlief għall-intervista ma' RSM Malta fuq punt wieħed minn disa' raġunijiet għat-tkeċċija tiegħu, u wara pproċediet bit-tkeċċija tiegħu mingħajr smigħ jew diskussjoni mal-appellat, aġir dan li l-ebda prinċipal raġonevoli m'għandu jirrikorri għalih.

37. L-appellat qal li t-Tribunal spjega ruħu b'mod ċar li d-deċiżjoni tiegħu ma kinitx biss ibbażata fuq ommissjoni proċedurali, iżda sab ukoll li kien hemm

tkeċċija inġusta abbażi tal-provi eżaminati u spjegati fid-deċiżjoni appellata. L-appellat jgħid li s-soċjetà appellanta ppruvat tissolleva l-argument li ma kien hemm l-ebda proċedura li kellha tiġi segwita, li huwa prinċipju intrinsikament żbaljat, għaliex il-kuntratt tax-xogħol tal-appellat kien jikkontempla ċerti passi bħas-sospensjoni u l-investigazzjoni, li s-soċjetà appellanta kellha tieħu, kif ukoll tonqos li ssemmi li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-*procedural fairness* għandhom jiġu applikati f'kull każ. L-appellat qal li biex tipprova ssalva l-pożizzjoni tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li kien hemm ksur lampanti tal-proċess tal-*procurement* u peress li l-appellat ammetta li l-proċess dettat mil-liġi ma kienx segwit, kwalunkwe investigazzjoni u proċedura dixxiplinarja kienet tkun inutli.

38. L-appellat qal li l-investigazzjoni li għamlet RSM Malta ma serviet għal xejn għaliex l-impjieg tiegħu ma baqax jeżisti fil-mument li ttieħed il-vot ta' sfiduċja fil-konfront tiegħu mill-Bord fis-27 ta' Settembru, 2017. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal injora r-raġunijiet serji li ssemmew fl-ittra ta' terminazzjoni u straħ biss fuq il-kwistjoni tal-għoti tal-kuntratt lil Burmarrad Commercials Limited, imma l-appellat qal li l-qofol tal-argument tas-soċjetà appellanta huwa bbażat kollu kemm hu fuq apprezzament ta' fatti allegatament żbaljat mit-Tribunal Industrijali, li din il-Qorti m'għandhiex tissindika f'dan l-istadju. L-appellat qal li t-Tribunal, wara li għamel kronoloġija tal-fatti miġjuba quddiemu, induna kif induna wkoll l-appellat, li l-vera raġunijiet għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, kienu l-kwistjoni tal-*procurement,* u l-fatt li waqt il-laqgħa tal-Bord li ssejħet fis-16 t'Awwissu, 2017

l-appellat oġġezzjona bil-qawwa għat-tibdil fl-iskeda kif propost mill-Bord, u mhux għar-raġunijiet li ssemmew fl-ittra ta' tkeċċija. L-appellat qal li anki waqt is-smigħ tal-każ quddiem it-Tribunal, u allura wara li huwa kien diġà tkeċċa mill-impjieg, is-soċjetà appellanta bdiet ħierġa bi provi ġodda li ma kinux fil-pussess tagħha qabel it-tkeċċija, u wara oġġezzjoni tal-appellat, kien it-Tribunal stess li rrileva din l-anomalija.

39. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal it-Tribunal, wara li għarbel il-provi kollha u wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kienet waħda inġusta, applika l-klawsola pattwita fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat, u ordna l-ħlas tal-kumpens abbażi ta' dik il-klawsola. L-appellat qal li l-imputazzjoni ewlenija tibqa' t-tkeċċija inġusta, u mhuwiex ġust issa li s-soċjetà appellanta tipprova tieħu l-pożizzjoni li l-appellat ma kienx ħaqqu kumpens skont il-kuntratt. Qal li s-soċjetà appellanta lanqas m'għandha dritt li tapprofitta ruħha minn żball ġenwin sabiex ma tonorax dak li hija stess ftiehmet dwaru, għaliex dan huwa l-vinkolu kuntrattwali li jorbot lill-partijiet.

40. L-appellat għamel riferiment għall-artikolu 78(3) tal-Kap. 452, li jistipula li l-ġustizzja trid issir skont il-mertu tal-każ, u bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq kull ħaġa bil-mod li jidhirlu. Qal li dan l-artikolu tal-liġi huwa maħsub proprju biex jindirizza dak li tqajjem mis-soċjetà appellanta fit-tieni aggravju tagħha, jiġifieri li impjegat m'għandux jiġi mċaħħad minn dritt tiegħu minħabba nuqqas fil-

proċedura jew xi żball ġenwin. L-appellat qal ukoll li kieku t-Tribunal Industrijali ma tax kas ta' dak li jipprovdi l-kuntratt ta' impjieg, kien ikun qiegħed jonqos mid-dover tiegħu li jagħmel ġustizzja skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Żied jgħid li storikament meta l-leġislatur daħħal it-Tribunal Industrijali fis-sistema legali tagħna, huwa ried jagħti lill-ġudikant ċerta awtonomija fil-proċedura li għandha tiġi applikata, sabiex ma tkunx waħda ingombranti fi kwistjonijiet tax-xogħol. L-appellat qal li l-artikolu 78(3) tal-Kap. 452 jimponi *a positive obligation* li ssir ġustizzja skont il-mertu tal-każ. L-appellat qal li mhuwiex ġust li s-soċjetà appellanta tipprova tagħti l-impressjoni li kien hemm xi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, jew li hija ma kinitx taf x'fih il-kuntratt li ġie abbozzat u ffirmat minnha stess. L-appellat qal li d-deċiżjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens hija sussidjarja għall-ewwel imputazzjoni, jiġifieri għad-deċiżjoni li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta. L-appellat ikkonkluda billi qal li t-Tribunal iddeċieda li ma kien hemm ebda raġuni ġusta u suffiċjenti fil-liġi li tiġġustifika t-terminazzjoni, u li kien ikun hemm *miscarriage of justice* li kieku t-Tribunal ma tax każ ta' dak li ġie pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt tal-impjieg tal-appellat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

41. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mill-appellat u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Tibda billi tirrileva, anki fid-dawl ta' dak li ġie sottomess mis-soċjetà appellanta nnifisha

dwar in-natura tal-ewwel aggravju tagħha, li minkejja li bl-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà appellanta qiegħda tistieden lil din il-Qorti ta' reviżjoni tagħmel eżami mill-ġdid tal-provi li nġabu quddiem it-Tribunal, u minkejja li l-provi f'dawn il-proċeduri huma ferm voluminużi, din il-Qorti ma qagħditx lura milli teżamina l-provi kollha li nġabu quddiem it-Tribunal, u dan għaliex temmen li dan huwa l-uniku mod kif il-ġustizzja tidher li qed issir mal-partijiet involuti. Peress li l-ewwel aggravju tal-soċjetà appellanta huwa dwar jekk it-Tribunal kellux raġun jikkonkludi li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, il-Qorti sejra teżamina dan l-aggravju minħabba fil-punti ta' dritt li ġew sollevati mill-partijiet, u ċertament li mhix sejra tiddeklina milli tanalizza dan l-aggravju sempliċiment għaliex xi ħadd allega li dan huwa bbażat fuq l-apprezzament tal-fatti aktar milli fuq punt ta' dritt.

*L-ewwel aggravju:* *[is-sejba ta' tkeċċija inġusta]*

42. Fil-fehma tas-soċjetà appellanta, it-Tribunal ma mexiex mad-dettami tal-liġi u tal-ġurisprudenza dwar dak li jikkostitwixxi 'tkeċċija inġusta' *ai termini* tal-Kap. 452, u sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu injora provi rilevanti li ġew imressqa u straħ fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Is-soċjetà appellanta qalet li fl-ewwel lok it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li t-tkeċċija ma kinitx preċeduta minn proċeduri dixxiplinarji, u żiedet tgħid li l-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-impjegat ikkonċernat ikun infurmat li nbdew proċeduri fil-konfront tiegħu li jistgħu jwassluh biex jitlef ix-xogħol tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-unika ħaġa li hija meħtieġa sabiex ikun

hemm tkeċċija ġusta hija raġuni tajba u suffiċjenti għal dan, u biex jasal għal din ir-raġuni tajba, l-unika ħaġa li għandu jagħmel il-prinċipal huwa li jisma' lill-impjegat. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li n-nuqqas ta' proċedura bħal din m'għandhiex neċessarjament twassal għall-konklużjoni li t-tkeċċija hija waħda inġusta. L-appellanta spjegat li hija ma kienet obbligata ssegwi l-ebda proċedura ta' dixxiplina, imma peress li dan kien każ ta' ċerta portata fejn ingħata kuntratt li jiswa eluf kbar ta' Euro, hija ddeċidiet li tqabbad lid-ditta ta' awdituri RSM Malta sabiex tiġbor ix-xhieda u tinvestiga jekk kienx hemm ksur tar-regoli tal-*procurement.* Qalet li tul dan il-proċess kollu l-appellat ingħata ċ-ċans jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif seħħew, u fil-fatt l-appellat stess ammetta li f'dan il-każ ir-Regoli tal-*Procurement* ma kinux ġew segwiti. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk, irrispettivament minn jekk ġietx esegwita proċedura ta' dixxiplina min-naħa tagħha, it-Tribunal ma setax jasal għal konklużjoni oħra għajr li t-tkeċċija tal-appellat kienet waħda ġusta. Is-soċjetà appellanta elenkat għadd ta' nuqqasijiet fl-imġiba tal-appellat li fil-fehma tagħha kienu lkoll jimmeritaw it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u saħqet li kienu diversi r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg u mhux raġuni waħda biss. Bħala eżempji l-appellanta semmiet meta l-appellat daħal fl-uffiċċju taċ-Chairman u pprova jieħu kopja tal-minuti tal-Bord; l-imġiba tal-appellat meta dan iddeċieda li jingħata l-kuntratt tal-*leasing* tal-vetturi lil Burmarrad Commercials, u n-nuqqasijiet proċedurali fl-għoti ta' dan il-kuntratt; in-nuqqas ta' komunikazzjoni mal-membri tal-Bord tad-Diretturi dwar deċiżjonijiet li huwa ħa fir-rigward tal-iskeda tal-programmi; l-użu ta' ċertu lingwaġġ fl-*emails* u fil-korrispondenza mal-impjegati; u l-imġiba tal-

appellat li s-soċjetà appellanta tgħid li kienet tammonta għal *bullying* fil-konfront ta' wħud mill-impjegati. Dawn l-episodji fil-fehma tal-appellanta kienu jimmeritaw it-teħid ta' passi dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat.

43. Il-Qorti tibda biex tirrileva li għalkemm mill-provi tingħata l-impressjoni li r-relazzjonijiet bejn l-appellat u l-membri tal-Bord tad-Diretturi kienu feliċi sa dakinhar li saret il-laqgħa tal-Bord l-għada ta' Santa Marija tal-2017, li matulha ġiet diskussa l-iskeda tal-programmi għall-istaġun li kellu jibda f'Ottubru ta' wara, il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar kemm huwa minnu li kien proprju minn dak il-punt 'il quddiem li r-relazzjonijiet bejn l-appellat u l-Bord tad-Diretturi bdew imorru lura. Il-Qorti tieħu spunt minn dak li xehed Dr Frank Portelli meta dan qal li filwaqt li s-CEO ta' qabel l-appellat kien jiġi mgħajjat u mistieden jattendi għal kull laqgħa tal-Bord tad-Diretturi, l-appellat mhux dejjem kien ikun mistieden għal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi, li żgur ma kienx konduċenti sabiex ikun hemm linja ta' kommunikazzjoni diretta u kontinwa bejn il-Bord tad-Diretturi u s-CEO tal-PBS. Il-Qorti fliet il-provi bir-reqqa, partikolarment sabiex tifhem b'liema mod il-PBS kien imexxi l-affarijiet interni tiegħu, u jirriżulta li sa mill-ewwel ġimgħat tal-ħidma tal-appellat fi ħdan is-soċjetà appellanta, dan beda jesprimi nuqqas ta' qbil u tħassib serju partikolarment dwar il-mod kif il-kumpannija kienet tmexxi l-affarijiet finanzjarji tagħha. Istanzi li ssemmew waqt is-smigħ tal-provi quddiem it-Tribunal, jinkludu l-infiq ta' eluf ta' Euro f'ristorant partikolari għal ikliet f'nofsinhar, kif ukoll il-*commitment* li s-soċjetà appellanta daħlet għalih sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni ta' għadd ta' pajjiżi fil-Junior

Eurovision Song Contest, liema spejjeż ma kienu ser jirrendu xejn lill-kumpannija, la fl-immedjat u lanqas fuq tul ta' żmien. Kwistjoni oħra li nisslet tensjoni kbira bejn l-appellat u l-Bord, kienet dwar il-mod kif kellha tkun imfassla l-iskeda tal-programmi, għaliex fil-Bord kien hemm min ried li programmi ta' diskussjoni dwar affarijiet kurrenti jixxandru immedjatament wara l-aħbarijiet, meta kien magħruf li programmi ta' din ix-xorta ma jħallu l-ebda qligħ għall-istazzjon, u dan a skapitu ta' produtturi indipendenti li diġà kellhom *slot* imwiegħed lilhom sabiex ixandru d-drama lokali fil-*prima serata*, liema programmi jħallu ferm aktar qligħ lill-PBS. Jidher ukoll li l-appellat safa iżolat mill-*management* tas-soċjetà appellanta meta dan beda jesprimi l-ideat tiegħu u t-tħassib tiegħu dwar kif kellhom isiru ċerti affarijiet, u jirriżulta bl-aktar mod ċar li persuni li suppost kellhom ikunu ta' spalla għall-appellat f'materji tekniċi li kienu jaqgħu fil-kompetenza diretta tagħhom, bħall-*procurement manager* u l-*financial controller* tal-kumpannija, naqsu milli jiggwidawh b'mod sod biżżejjed, kif kellhom, dwar il-proċeduri u r-regoli li kellhom jiġu applikati fir-rigward tal-akkwist ta' għadd ta' vetturi li l-kumpannija kienet teħtieġ għall-operat tagħha. Din il-Qorti eżamint l-*affidavits* u d-deposizzjonijiet li ngħataw quddiem it-Tribunal, u tirrileva li l-imsemmija membri tal-*management* li laqgħu għall-kritika li saritilhom għal nuqqasijiet fl-operat tagħhom, billi qalu li kellhom familja dipendenti fuqhom, aġixxew b'mod irresponsabbli u urew li assolutament ma kinux għall-altezza tar-rwoli importanti li kienu jokkupaw. Bl-istess mod lanqas mhuwa aċċettabbli li l-appellat jgħid li huwa ma kienx jaf x'kienu jgħidu ir-Regolamenti tal-*Public Procurement*, meta tali għarfien kellu jkun rekwiżit *sine qua non* għall-min

resaq għall-kariga importanti ta’ CEO tal-Public Broadcasting Services. Il-Qorti tqis li din il-kwistjoni kollha setgħet tiġi evitata li kieku t-*top management* tal-kumpannija ma abdikax mir-responsabbiltajiet tiegħu u insista dwar it-tnedija ta’ proċess skont ir-Regolamenti tal-*Public Procurement* u mhux ipparteċipa f’eżerċizzju ta’ ġbir ta’ *quotations* mingħand numru ta’ *suppliers,* li huwa l-mod dilettantesk li bih saru l-affarijiet fil-każ in eżami. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen li f’dan il-każ ħadd mill-Bord tad-Diretturi ma kien jaf bil-proċess li tnieda għall-akkwist ta’ vetturi ġodda, għaliex l-appellat stess ressaq prova ta’ *emails* li huwa bagħat lil kull impjegat tas-soċjetà appellanta fejn ħeġġiġhom jagħmlu użu tajjeb minn dawn il-vetturi, jibżgħu għalihom u kien hemm anki ċertu *marketing* dwar il-fatt li l-PBS kien ser jibda jagħmel użu minn flotta ġdida ta’ vetturi. L-ex chairman tal-PBS Tonio Portughuese xehed li huwa kien l-uniku wieħed fl-istruttura tal-PBS li ma rċeviex din l-*email,* u l-ebda wieħed mill-Bord tad-Diretturi ma kien jaf bid-deċiżjonijiet li kien qiegħed jieħu l-appellat bħala CEO tal-kumpannija. Il-Qorti rrimarkat dwar dawn il-fatti li ħarġu waqt il-ġbir tal-provi quddiem it-Tribunal, għaliex ippruvat tifhem f’liema ambjent kienu qegħdin jaħdmu l-partijiet involuti, u x’kien li wassal lis-soċjetà appellanta tittermina l-impjieg tas-CEO tagħha bil-mod kif ġie tterminat, u jekk wara kollox kinitx ġustifikata tagħmel dan. Il-Qorti nnutat ukoll kif wara l-laqgħa tas-16 ta’ Awwissu, 2017, li nżammet barra l-bini tal-PBS, l-appellat ma ntalab jattendi għall-ebda laqgħa oħra tal-Bord, twarrab minn kull deċiżjoni li ttieħdet mill-kumpannija, u meta ġiet inkarigata s-soċjetà RSM Malta sabiex tinvestiga l-għoti tal-kuntratt lil Burmarrad Commercials, ħadd ma informa lill-appellat li l-investigazzjoni li skattat setgħet twassal biex

l-impjieg tiegħu mal-kumpannija jiġi tterminat. Il-Qorti tirrileva li anki waqt investigazzjoni kriminali, persuna li tkun qiegħda tiġi investigata tiġi infurmata li għandha dritt iżżomm is-silenzju u tiġi infurmata wkoll li tinsab taħt investigazzjoni, aħseb u ara f'materji bħal dawn fejn l-appellat, CEO tal-PBS, kien qiegħed jiġi investigat wara li ttieħed vot ta' sfiduċja fih, u din l-investigazzjoni setgħet twassal biex dan jitlef l-impjieg tiegħu.

44. Is-soċjetà appellanta fl-aggravju tagħha tgħid li l-kwistjoni tal-*procurement* kienet biss waħda mir-raġunijiet li wasslet għat-tkeċċija tal-appellat, u kien hemm għadd ta' akkużi oħra li ġew spjegati lilu fl-ittra ta' tkeċċija li ngħatatlu. Il-Qorti rat uħud minn dawn l-akkużi, fosthom il-mod kif l-appellat kien iġib ruħu ma' wħud mill-impjegati u l-lingwaġġ li kien juża fil-korrispondenza li kien jibgħat. Għalkemm ċerta imġiba tal-appellat ċertament li ma kinitx xierqa u dekoruża, mill-provi prodotti mill-partijiet jinħass sew li kien hemm tensjoni *under the surface* li wasslet biex ir-relazzjonijiet bejn l-appellat u l-Bord tad-Diretturi ma kinitx waħda feliċi, liema tensjoni aktarx li bdiet hekk kif l-appellat beda juri t-tħassib serju tiegħu dwar il-qagħda finanzjarja tal-kumpannija. Il-problemi komplew jikbru meta l-appellat wera l-intenzjoni li jibdel il-flotta tal-vetturi, u insista li dan kellu jsir bil-ġbir ta' numru ta' *quotations* mingħand *suppliers* ewlenin, wara li qal li kellu l-awtorizzazzjoni biex jagħmel dan mill-Ministeru addett mill-PBS. Huwa minn ewl id-dinja li din it-tensjoni f'post tax-xogħol daqstant sensittiv, eskalat sal-punt li ġew involuti għadd ta' impjegati, u saru allegazzjonijiet li pereżempju l-appellat ipprova jikseb kopja tal-minuti tal-Bord meta ma kellu l-ebda dritt għalihom.

45. Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi kollha prodotti mill-partijiet, tqis illi la l-mod kif tkeċċa l-appellat mill-impjieg tiegħu ma huwa ġustifikat, u lanqas ir-raġunijiet li ngħataw għat-tkeċċija tiegħu. Fil-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-PBS li saret fis-27 ta' Settembru, 2017, ġiet approvata b'mod unanimu mozzjoni ta' sfiduċja fl-appellat, fl-assenza tal-istess appellat, liema mozzjoni ta' sfiduċja fil-fehma ta' din il-Qorti kienet tekwivali għat-tkeċċija sommarja tiegħu mill-impjieg, anki jekk l-ittra formali tat-terminazzjoni ġiet maħruġa fit-8 ta' Novembru, 2017 u waslet għand l-appellat fil-11 ta' Novembru, 2017. L-appellant ma ngħatax l-opportunità li jkun preżenti għall-imsemmija laqgħa tal-Bord tad-Diretturi, sabiex jiddefendi ruħu mill-akkużi li saru kontrih. Barra minn hekk l-investigazzjoni li saret minn RSM Malta, kienet limitata għall-kwistjoni tal-*procurement*, u għalhekk għal waħda biss mill-akkużi li l-appellat kellu kontrih. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-investigazzjoni li saret minn RSM Malta bl-ebda mod ma tista titqies bħala proċedura ta' dixxiplina fil-veru sens tal-kelma, fejn l-appellat ingħata d-dritt tas-smigħ biex iwieġeb għall-akkużi li kellu kontrih. 'Il għaliex minkejja li l-appellat kellu l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu waqt l-investigazzjoni ta' RSM Malta, l-appellat ma kienx preżenti għas-smigħ tal-provi kollha, u ma ngħatax d-dritt li li jagħmel il-kontroeżami tal-imsemmija provi.

46. Jirriżulta b'mod ċar mill-provi li d-djalogu bejn il-partijiet kien kompletament nieqes, li l-appellat kellu l-ideat tiegħu dwar kif kellhom isiru ċerti affarijiet, u minn dak li ntqal jidher li l-ideat tiegħu kienu mmotivati minn raġunijiet xierqa u għaliex verament ried li l-kumpannija li huwa kien qiegħed

imexxi timxi 'l quddiem. Il-Qorti tirrileva wkoll kif fir-risposta tagħha għar-rikors promotur, is-soċjetà appellanta wieġbet li anki wara li l-appellat spiċċa mill-impjieg, hija ġiet a konjizzjoni ta' fatti ġodda li ser jinġiebu bħala prova fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, fattur dan li jindika li s-soċjetà appellanta ma kinitx daqstant konvinta mill-motivi veri tagħha meta tterminat l-impjieg tal-appellat. Għar-raġunijiet suesposti, tqis illi l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[il-quantum tal-kumpens li ngħata l-appellat]*

47. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa fir-rigward tal-kumpens likwidat mit-Tribunal, u dan għaliex fit-talbiet tiegħu quddiem it-Tribunal, l-appellat spjega li kien qiegħed jippretendi kumpens abbażi tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452, li jispeċifika li meta impjegat fuq kuntratt fiss jitkeċċa mill-impjieg, dan għandu jingħata nofs il-paga li kienet tmiss lilu għall-kumplament tal-kuntratt li kieku baqa' fl-impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja dan, waqt is-sottomissjonijiet finali quddiem it-Tribunal, l-appellat ġab a konjizzjoni tat-Tribunal dak li jgħid il-kuntratt ta' impjieg tiegħu fil-klawsola 3.3 tal-istess kuntratt, li jispeċifika li f'każ ta' terminazzjoni tal-impjieg, l-impjegat għandu jingħata somma ekwivalenti għall-valur tas-salarju, *bonuses, allowances* u inċentivi finanzjarji oħra li kienu jmissu lilu li kieku baqa' fl-impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata għaliex fl-ebda punt qabel is-sottomissjonijiet finali li saru mill-appellat quddiem it-Tribunal, dan ma ressaq pretensjoni għall-ħlas ta' kumpens abbażi ta' dak li jipprovdi l-kuntratt tal-

impjieg tiegħu, u għalhekk it-Tribunal ta deċiżjoni li teżorbita mit-talbiet li saru mill-appellat qua rikorrent quddiemu. Is-soċjetà appellanta qalet li meta t-Tribunal iddeċieda bil-mod kif iddeċieda, dan ċaħħadha mid-dritt tagħha għal smigħ xieraq u mid-dritt li tressaq provi u tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar dan il-punt. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ispirtu tal-artikolu 42 tal-Kap. 452 huwa li impjegat m'għandux jiġi ppreġudikat jekk il-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu huma inqas vantaġġużi minn dawk li trid il-liġi, meta s-sitwazzjoni odjerna hija waħda fejn il-kuntratt ta' impjieg huwa aktar vantaġġuż mil-liġi.

47. L-appellat wieġeb għal dan l-aggravju billi qal li dak li għamel it-Tribunal kien li applika l-klawsola li kienet pattwita fil-kuntratt tal-impjieg tal-appellat u ordna kumpens abbażi ta' dik il-klawsola. L-appellat qal li kull paġna tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu ġiet iffirmata miċ-*chairman* tas-soċjetà appellanta, u għalhekk issa s-soċjetà appellanta m'għandhiex tipprova tagħti l-impressjoni li l-appellat ma kienx ħaqqu kumpens skont il-kuntratt. L-appellat ikkontenda wkoll li l-artikolu 78(3) tal-Kap. 452 jipprovdi li l-leġislatur ma riedx li t-Tribunal Industrijali jkun regolat bl-istess mod tal-qrati ċivili jew dawk superjuri, iżda ried li t-Tribunal ikollu l-poter jagħmel ġustizzja skont il-merti tas-sustanza tal-każ.

48. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li l-kuntratt maqbul u ffirmat mill-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom, fl-istess waqt il-ġudikant huwa kostrett jiddeċiedi l-kawża skont il-limiti tat-talbiet li jsirulu mill-partijiet. F'dan il-każ, l-

appellat talab għal deċiżjoni fuq żewġ binarji – jiġifieri li jiġi ddikjarat li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, u fit-tieni lok sabiex it-Tribunal jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilu abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452. Fl-istess ħin, waqt is-sottomissjonijiet li saru quddiem it-Tribunal, l-appellat ġibed l-attenzjoni tat-Tribunal u tal-esponenti tas-soċjetà appellanta għall-klawsola fil-kuntratt ta' impjieg tiegħu li kienet tgħid li f'każ ta' tkeċċija, huwa kellu jedd jitħallas is-salarju bil-benefiċċji kollha li kien igawdi fil-pożizzjoni tiegħu. It-Tribunal iddeċieda abbażi ta' din il-klawsola kuntrattwali u kkwantifika l-kumpens dovut lill-appellat fl-ammont ta' €226,488.98.

49. Dak illi trid tiddeċiedi dwar din il-Qorti f'dan l-istadju, huwa jekk it-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu setax imur lil hinn minn dak li ġie mitlub li jiddeċiedi dwaru fir-rikors promotur imressaq mill-appellat, u ċjoé li l-kumpens jiġi likwidat skont dak li kien ġie miftiehem mill-partijiet fil-kuntratt tal-impjieg tal-appellat, u mhux skont l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452, kif mitlub mill-appellat innifsu fid-dikjarazzjoni tal-każ.

50. Huwa punt stabbilit fis-sentenzi tal-Qrati tagħna illi l-limiti tal-vertenza bejn il-partijiet bħala regola jiġu determinati skont it-talbiet fir-rikors promotur, wara li jkun ingħata qies xieraq tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-parti konvenuta.

51. Skont l-artikolu 78(3) tal-Kap. 452, it-Tribunal Industrijali għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess, imma tkun xi tkun il-proċedura li tiġi użata,

it-Tribunal għandu jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-merti tas-sustanza tal-każ, u bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq kull ħaġa b'dak il-mod li jidhirlu xieraq.

52. Din il-Qorti tqis li r-regola stabbilita fis-sentenzi tal-Qrati tagħna, li Qorti jew Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawża esklussivament abbażi tat-talbiet attriċi u mhux abbażi ta' sottomissjonijiet legali li m'għandhomx l-għeruq tagħhom fl-istess talbiet attriċi jew fl-eċċezzjonijiet tal-parti konvenuta, ċertament li ma kellhiex titqies mit-Tribunal bħala sempliċement *'prassi limitattiva proċedurali'*, imma t-Tribunal kien tenut li jqis sew ir-raġunament wara tali regola proċedurali. Meta t-Tribunal aċċetta li l-appellat fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali seta jispostja l-bażi tal-azzjoni tiegħu għal-likwidazzjoni tal-kumpens minn waħda msejsa fuq l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452, għal waħda msejsa fuq il-kuntratt tal-impjieg tal-appellat, huwa kien effettivament qiegħed iċaħħad lis-soċjetà appellanta mid-dritt tagħha għal smigħ xieraq, peress li ma kellhiex il-possibilità li tressaq il-provi tagħha dwar dan, jew li tikkontesta l-provi attriċi permezz tal-kontroeżamijiet, u li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha dwar dan il-punt. Għalkemm it-Tribunal Industrijali ġie mogħti l-fakultà li jirregola l-proċedura tiegħu stess (l-artikolu 78(3) tal-Kap. 452), huwa u jagħmel dan irid jiżgura li jiġu mħarrsa r-regoli tal-ġustizzja naturali, inkluż id-dritt għal smigħ xieraq tas-soċjetà appellanta.

53. Ikun opportun illi l-Qorti tagħmel riferiment għall-artikolu 213 tal-Kap. 12, li bħall-artikolu 78(3) tal-Kap. 452, huwa imnebbaħ mill-ħsieb tal-leġislatur

li fi proċeduri fl-ewwel grad, ir-regoli tal-proċedura jiġu applikati b'mod inqas formali u rigoruż, imma bil-ħarsien sħiħ tad-dritt tal-kontroparti għal smigħ xieraq.

> "213. Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors:
>
> Iżda l-qorti tista', meta mitluba jew jidhrilha meħtieġ li jsir hekk, tagħti żmien qasir biex il-konvenut ikun jista' jlesti d-difiża tiegħu biex jopponi dak il-jedd l-ieħor. …"

54. Peress li fil-każ odjern it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata mar lil hinn minn dak li kien mitlub mill-appellat fir-rikors promotur, mingħajr però ma ġie mħares kif xieraq id-dritt tal-kontroparti għal smigħ xieraq, tqis illi dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi:**

**1. Tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata sa fejn iddikjarat li l-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg**

**tiegħu mas-soċjetà appellanta, tikkostitwixxi tkeċċija inġusta skont il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. Tilqa' t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, u tvarja d-deċiżjoni appellata fis-sens illi minflok il-kumpens kif likwidat mit-Tribunal Industrijali, tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat mis-soċjetà appellanta *ai termini* tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 fis-somma ta' mija u tlettax-il elf, mitejn u erbgħa u erbgħin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€113,244.49), bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-partijiet nofs kull wieħed.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**